| diffikultà dejjem akbar biex jitilqu mid-dar tal-ġenituri tagħhom, li, fl-2023, kienet qed isseħħ f'età medja ta' 26,3 sena[6]; billi l-investiment ***fil-familji jfisser*** investiment fil-futur tal-Ewropa; | affettwati, u qed jaffaċċjaw diffikultà dejjem akbar biex jitilqu mid-dar tal-ġenituri tagħhom, li, fl-2023, kienet qed isseħħ f'età medja ta' 26,3 sena[6]; billi l-investiment ***f'opportunitajiet għaż-żgħażagħ ifisser*** investiment fil-futur tal-Ewropa; |
| [4] Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, "Secure access to social and affordable housing for all" (Niżguraw aċċess għal akkomodazzjoni soċjali u affordabbli għal kulħadd), 2024, https://data.europa.eu/doi/10.2864/8806922 . | [4] Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, "Secure access to social and affordable housing for all" (Niżguraw aċċess għal akkomodazzjoni soċjali u affordabbli għal kulħadd), 2024, https://data.europa.eu/doi/10.2864/8806922 . |
| [5] Il-Kummissjoni Ewropea: Osservatorju Ewropew tas-Settur tal-Kostruzzjoni, "Housing affordability and sustainability in the EU" (L-affordabbiltà u s-sostenibbiltà tal-akkomodazzjoni fl-UE), Novembru 2019. | [5] Il-Kummissjoni Ewropea: Osservatorju Ewropew tas-Settur tal-Kostruzzjoni, "Housing affordability and sustainability in the EU" (L-affordabbiltà u s-sostenibbiltà tal-akkomodazzjoni fl-UE), Novembru 2019. |
| [6] Il-Parlament Ewropew, "Iż-żieda fl-ispejjeż tal-akkomodazzjoni fl-UE: il-fatti (infografika) ", is-sit web tal-Parlament Ewropew, 17 ta' Ottubru 2024. | [6] Il-Parlament Ewropew, "Iż-żieda fl-ispejjeż tal-akkomodazzjoni fl-UE: il-fatti (infografika) ", is-sit web tal-Parlament Ewropew, 17 ta' Ottubru 2024. |
| | Or. en |

**Emenda 112**
**Maria Ohisalo, Vicent Marzà Ibáñez, Marie Toussaint, Gordan Bosanac**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Aa (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aa. billi fl-Artikolu 34 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-Unjoni tirrikonoxxi u t-tirrispetta d-dritt għal assistenza soċjali u għall-akkomodazzjoni filwaqt li l-Prinċipju 19 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali stabbilixxa dmirijiet ċari għall-Unjoni fir-rigward tal-akkomodazzjoni u l-assistenza għall-*** |

***persuni mingħajr dar; billi l-iżgurar tad-dritt għal akkomodazzjoni affordabbli, sostenibbli u deċenti huwa kruċjali biex jinżammu diversi prinċipji oħra tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, bħall-ugwaljanza u l-aċċess għall-edukazzjoni, l-impjieg, il-kura tas-saħħa u servizzi essenzjali;***

Or. en

**Emenda 113**
**Aodhán Ó Ríordáin, Andreas Schieder, Gabriele Bischoff, Alicia Homs Ginel, Marit Maij, Nora Mebarek, Isilda Gomes, Joanna Scheuring-Wielgus, Yannis Maniatis, Marko Vešligaj**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Aa (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aa. billi l-Ewropa qed tiffaċċja mhux biss kriżi tal-akkomodazzjoni, iżda, fuq kollox, kriżi tal-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni, b'żieda fil-prezzijiet tad-djar fl-Unjoni Ewropea ta' 60,6 % u fil-kirjiet ta' 28,8 % bejn l-2010 u l-2025[1a]; billi bħalissa ma hemm l-ebda definizzjoni fl-UE kollha ta' "akkomodazzjoni affordabbli" u lanqas indikaturi komuni u adattabbli biex titkejjel l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni;*** |
| | ***[1a] Eurostat, "Housing price statistics – house price index" (Statistika dwar il-prezzijiet tal-akkomodazzjonijiet – indiċi tal-prezzijiet tad-djar), is-sit web tal-Eurostat, Ottubru 2025.*** |

Or. en

**Emenda 114**
**Sebastião Bugalho**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Aa (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aa. billi l-akkomodazzjoni għandha titqies bħala dritt fundamentali, li jipprovdi akkomodazzjoni deċenti, affordabbli u sostenibbli għall-Ewropej kollha; billi biex titreġġa' lura l-kriżi tal-akkomodazzjoni, jeħtieġ li l-UE tieħu azzjoni deċiżiva u tistabbilixxi dritt ġenwin għal akkomodazzjoni għal kulħadd;*** |

Or. pt

**Emenda 115**
**Brigitte van den Berg, Barry Cowen, Martin Hojsík, Oihane Agirregoitia Martínez, Ciaran Mullooly**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Aa (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aa. billi l-gruppi żvantaġġjati u l-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u b'introjtu medju qed iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet biex jaċċessaw akkomodazzjoni deċenti, sostenibbli u affordabbli, li jista' jwassal għal f'żieda fil-livelli tal-esklużjoni soċjali u għadd dejjem akbar ta' Ewropej jinsabu f'riskju li jispiċċaw bla dar;*** |

Or. en

**Emenda 116**
**Julie Rechagneux, Marie-Luce Brasier-Clain, Aleksandar Nikolic, Rachel Blom**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Aa (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aa. billi l-kriżi tal-akkomodazzjoni hija ta' natura sistemika, taffettwa l-investiment fil-proprjetà immobbli, l-aċċess għas-sjieda, il-produzzjoni ta' akkomodazzjoni ġdida, dewmien fir-rinnovazzjoni, kif ukoll it-tnaqqis tal-provvista fis-suq tal-kiri;*** |

Or. fr

**Emenda 117**
**Maria Zacharia**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Aa (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aa. billi l-kriżi tal-akkomodazzjoni hija r-riżultat tad-deregolamentazzjoni, l-inugwaljanza estrema u l-ispekulazzjoni finanzjarja, li jbiddlu d-djar fi prodotti ta' investiment li jċaħħdu liċ-ċittadini mill-possibbiltà ta' ħajja deċenti;*** |

Or. el

**Emenda 118**
**Georgiana Teodorescu, Antonella Sberna, Lara Magoni, Alessandro Ciriani, Nora Junco García, Nicolas Bay**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Aa (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aa. billi d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem hija test fundatur ta' importanza kbira għall-protezzjoni tal-libertajiet individwali u pubbliċi; billi din tibqa' strument essenzjali għad-difiża tal-libertajiet fundamentali;*** |

Or. en

**Emenda 119**
**Julie Rechagneux, Marie Dauchy, Anne-Sophie Frigout, France Jamet, Mathilde Androuët, Catherine Griset, György Hölvényi, Marie-Luce Brasier-Clain, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier, Klara Dostalova, Rachel Blom**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Aa (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aa. billi l-kriżi tal-akkomodazzjoni turi karattru sistemiku, u għandha impatt fuq l-investiment fil-proprjetà immobbli, l-aċċess għas-sjieda tad-djar, il-produzzjoni tal-akkomodazzjoni, id-dewmien fir-rinnovazzjoni, u t-tnaqqis fil-provvista tas-suq tal-kiri;*** |

Or. en

**Emenda 120**
**Maria Zacharia, Fidias Panayiotou**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Aa (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aa. billi l-politika tal-akkomodazzjoni hija kruċjali għat-taħlita ta' politika usa' mmirata lejn il-mitigazzjoni tat-tnaqqis demografiku, u tenfasizza r-rwol ewlieni tagħha fl-appoġġ taż-żgħażagħ biex jibdew u jrabbu familji;*** |

Or. en

**Emenda 121**
**Ciaran Mullooly**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Premessa Aa (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Aa. billi l-Istati Membri għandhom jiddikjaraw emerġenza fir-rigward tal-akkomodazzjoni, b'mizuri ta' akkumpanjament, biex jisfruttaw il-provvista aktar rapida ta' djar affordabbli u ta' kwalità;*** |

Or. en

**Emenda 122**
**Aodhán Ó Ríordáin, Andreas Schieder, Gabriele Bischoff, Alicia Homs Ginel, Marit Maij, Nora Mebarek, Isilda Gomes, Joanna Scheuring-Wielgus, Yannis Maniatis, Marko Vešligaj**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ab (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ab. billi n-nuqqas ta' affordabbiltà tal-akkomodazzjoni u nuqqas ta' aċċess għal akkomodazzjoni deċenti qed jaffettwaw dejjem aktar lil gruppi speċifiċi, bħall-persuni mingħajr dar, it-tfal li jgħixu fil-faqar, in-nisa, il-ħaddiema mobbli, il-persuni b'diżabbiltà, l-anzjani, il-persuni LGBTQI+, il-migranti u l-komunitajiet Rom u tal-Vjaġġaturi; billi dawk li jaqilgħu il-paga minima jonfqu, bħala medja, 8,6 punti perċentwali aktar mill-introjtu disponibbli tagħhom fuq kostijiet tal-akkomodazzjoni minn impjegati oħra[1a], u dan jaggrava l-privazzjoni materjali u l-inugwaljanzi soċjali;*** |
| | ***[1a] Eurofound, "Minimum wages in 2025: Annual review" (Pagi minimi fl-2025: Rieżami annwali), is-sit web tal-Eurofound, Lulju 2025.*** |

Or. en

**Emenda 123**
**Maria Ohisalo, Vicent Marzà Ibáñez, Marie Toussaint, Gordan Bosanac**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ab (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ab. billi fl-UE, fit-tieni trimestru tal-2025, meta mqabbel mal-istess perjodu fl-2024, il-kirjiet żdiedu bi 3,2 % u l-prezzijiet tad-djar żdiedu b'5,4 %, b'ħafna Stati Membri jesperjenzaw żidiet qawwija; billi fl-UE, mill-2010 sat-tieni trimestru tal-2025, il-kirjiet żdiedu bi 28,8 % u l-prezzijiet tad-djar b'60,5 %;*** |

Or. en

**Emenda 124**
**Sebastião Bugalho**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ab (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ab. billi d-dritt għal akkomodazzjoni huwa minqux fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, fil-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, fil-Karta Soċjali Ewropea tal-Kunsill tal-Ewropa, iffirmata mis-27 Stat Membru, u fil-kostituzzjonijiet ta' ħafna Stati Membri;*** |

Or. pt

**Emenda 125**
**Brigitte van den Berg, Barry Cowen, Martin Hojsík, Oihane Agirregoitia Martínez, Ciaran Mullooly**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Premessa Ab (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ab. billi d-data tal-2024 tindika li fl-Ewropa hemm aktar minn 1 200 000 persuna li jgħixu mingħajr saqaf fuq rashom, li jgħixu f'postijiet ta' kenn għal billejl u li jgħixu f'akkomodazzjoni temporanja għall-persuni mingħajr dar; billi dan in-numru żdied b'mod kostanti mill-2008;*** |

Or. en

**Emenda 126**
**Maria Zacharia**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ab (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ab. billi l-aċċess għal akkomodazzjoni deċenti u affordabbli huwa dritt soċjali fundamentali u kundizzjoni neċessarja għad-dinjità tal-bniedem, l-istabbiltà soċjali u l-koeżjoni soċjali;*** |

Or. el

**Emenda 127**
**Maria Ohisalo, Vicent Marzà Ibáñez, Marie Toussaint, Gordan Bosanac**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ac (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ac. billi 10,6 % tal-popolazzjoni urbana tal-UE qed tbati minn piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni, li jfisser li l-kostijiet totali tal-akkomodazzjoni jirrappreżentaw aktar minn 40 % tal-introjtu disponibbli tagħhom; billi*** |

***madwar 1,3 miljun persuna ma għandhomx dar u jorqdu mingħajr saqaf fuq rashom jew f'akkomodazzjoni ta' emerġenza fi kwalunkwe lejl partikolari fl-UE, bi kważi 400 000 minnhom li huma tfal; billi l-faqar enerġetiku jaffettwa lil 47,5 miljun persuna Ewropea, inklużi 23,7 miljun persuna f'impjieg, u dan jirrappreżenta żieda ta' aktar minn 50 %, jew 16-il miljun persuna oħra, meta mqabbel mal-2019;***

Or. en

**Emenda 128**
**Brigitte van den Berg, Barry Cowen, Martin Hojsík, Oihane Agirregoitia Martínez, Ciaran Mullooly**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ac (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ac. billi 400 000 tifel u tifla ma kellhomx dar fl-2024; billi t-tfal mingħajr dar għandhom ikunu punt fokali ewlieni tal-ewwel pjan Ewropew għal akkomodazzjoni affordabbli mistenni tal-Kummissjoni;*** |

Or. en

**Emenda 129**
**Maria Ohisalo, Vicent Marzà Ibáñez, Marie Toussaint, Gordan Bosanac**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ad (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ad. billi fl-2021, 19,5 % tal-abitazzjonijiet fl-UE ma kinux okkupati, jiġifieri, residenzi battala jew sekondarji; billi din hija żieda ta' 23 % meta mqabbla mal-2011;*** |

Or. en

**Emenda 130**
**Aodhán Ó Ríordáin, Andreas Schieder, Gabriele Bischoff, Alicia Homs Ginel, Marit Maij, Nora Mebarek, Isilda Gomes, Joanna Scheuring-Wielgus, Yannis Maniatis, Marko Vešligaj, Johan Danielsson**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi l-politiki tal-akkomodazzjoni ***jaqgħu taħt il-kompetenzi*** tal-Istati Membri ***u l-UE hija marbuta li tirrispetta l-prinċipju*** tas-sussidjarjetà f'konformità mal-Artikolu 5(1) tat-TUE; billi l-politiki tal-UE jista' jkollhom effetti diretti u indiretti fuq il-fatturi li jiddeterminaw l-offerta u d-domanda tal-akkomodazzjoni; billi huwa meħtieġ approċċ komprensiv u mfassal apposta***, kuntrarju għall-prinċipju "kulhadd f'keffa waħda"***; | B. billi l-politiki tal-akkomodazzjoni ***ġew eżaminati storikament, u għadhom kompetenza primarja*** tal-Istati Membri***, filwaqt li jiġi kkunsidrat il-prinċipju*** tas-sussidjarjetà f'konformità mal-Artikolu 5(1) tat-TUE; billi***, fil-prattika, politiki ekonomiċi, fiskali, ambjentali u tal-kompetizzjoni tal-UE jsawru b'mod qawwi s-swieq nazzjonali tad-djar u għalhekk l-Unjoni jeħtiġilha tassumi r-responsabbiltà għall-iżgurar li l-politika tal-akkomodazzjoni tikkontribwixxi għall-ġustizzja soċjali u għall-eżerċizzju effettiv tad-dritt għal akkomodazzjoni adegwata; billi l-leġiżlazzjoni u*** l-politiki tal-UE jista' jkollhom effetti diretti u indiretti fuq il-fatturi li jiddeterminaw l-offerta u d-domanda tal-akkomodazzjoni; billi huwa meħtieġ approċċ komprensiv u mfassal apposta ***għall-politiki tal-akkomodazzjoni bbażati fuq il-prinċipju ta' konverġenza soċjali u l-protezzjonijiet għal gruppi vulnerabbli***; |

Or. en

**Emenda 131**
**Inese Vaidere**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi l-politiki tal-akkomodazzjoni jaqgħu taħt il-kompetenzi tal-Istati Membri u l-UE hija marbuta li tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà f'konformità mal-Artikolu 5(1) tat-TUE; billi l-politiki tal-UE jista' jkollhom effetti diretti u indiretti fuq il-fatturi li jiddeterminaw l-offerta u d-domanda tal-akkomodazzjoni; billi huwa meħtieġ approċċ komprensiv u mfassal apposta, kuntrarju għall-prinċipju "kulħadd f'keffa waħda"; | B. billi l-politiki tal-akkomodazzjoni jaqgħu taħt il-kompetenzi tal-Istati Membri u l-UE hija marbuta li tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà f'konformità mal-Artikolu 5(1) tat-TUE; billi l-politiki tal-UE jista' jkollhom effetti diretti u indiretti fuq il-fatturi li jiddeterminaw l-offerta u d-domanda tal-akkomodazzjoni; billi huwa meħtieġ approċċ komprensiv u mfassal apposta, kuntrarju għall-prinċipju "kulħadd f'keffa waħda"; ***billi l-appoġġ tal-UE fil-politika tal-akkomodazzjoni għandu għalhekk jibqa' flessibbli u adattabbli, inkluż fir-rigward tal-għażla tal-istrumenti u tal-mekkaniżmi tal-ippjanar, u dan jippermetti lill-Istati Membri u lill-muniċipalitajiet ifasslu soluzzjonijiet għall-kuntesti tal-akkomodazzjoni, ekonomiċi u demografiċi differenti tagħhom, filwaqt li jevitaw mudelli uniformi tal-UE li jinjoraw differenzi strutturali u storiċi;*** |

Or. en

**Emenda 132**
**Leila Chaibi, Irene Montero, Ilaria Salis, Martin Schirdewan, Manon Aubry, Arash Saeidi, Anthony Smith, Giorgos Georgiou, Estrella Galán, Damien Carême, Rima Hassan, Younous Omarjee, Marina Mesure, Catarina Martins, Emma Fourreau, Gaetano Pedulla'**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi ***l-politiki*** tal-akkomodazzjoni jaqgħu taħt il-kompetenzi tal-Istati Membri u l-UE hija marbuta li tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà f'konformità mal-Artikolu 5(1) tat-TUE; billi l-politiki tal-UE jista' jkollhom effetti diretti u indiretti fuq il-fatturi li jiddeterminaw l-offerta u d-domanda tal-akkomodazzjoni; billi huwa meħtieġ approċċ komprensiv u mfassal | B. billi***, għalkemm il-politiki*** tal-akkomodazzjoni jaqgħu taħt il-kompetenzi tal-Istati Membri u l-UE hija marbuta li tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà f'konformità mal-Artikolu 5(1) tat-TUE***, l-Unjoni, bħall-Istati Membri tagħha, għandha obbligu li tiżgura l-aċċess għal akkomodazzjoni deċenti u affordabbli għal kulħadd f'konformità mad-drittijiet*** |

| | |
|---|---|
| apposta***, kuntrarju għall-prinċipju "kulħadd f'keffa waħda"***; | ***fundamentali minquxa fl-Artikoli 16, 30 u 31 tal-Karta Soċjali Ewropea u l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali***; billi l-politiki tal-UE jista' jkollhom effetti diretti u indiretti fuq il-fatturi li jiddeterminaw l-offerta u d-domanda tal-akkomodazzjoni; billi ***l-kriżi tal-akkomodazzjoni taffettwa lill-Unjoni Ewropea kollha kemm hi u*** huwa meħtieġ approċċ komprensiv u mfassal apposta; |

Or. en

**Emenda 133**
**Maria Ohisalo, Vicent Marzà Ibáñez, Marie Toussaint, Gordan Bosanac**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi l-politiki tal-akkomodazzjoni ***jaqgħu taħt il-kompetenzi*** tal-Istati Membri ***u l-UE hija marbuta li tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà f'konformità mal-Artikolu 5(1) tat-TUE; billi l-politiki tal-UE jista' jkollhom effetti diretti u indiretti fuq il-fatturi li jiddeterminaw l-offerta u d-domanda*** tal-akkomodazzjoni; billi huwa meħtieġ approċċ komprensiv u mfassal apposta, kuntrarju għall-prinċipju "kulħadd f'keffa waħda"; | B. billi ***għalkemm ir-responsabbiltà primarja għall-politiki*** tal-akkomodazzjoni ***hija*** tal-Istati Membri, ***l-Unjoni Ewropea tiżvolġi rwol ewlieni fit-tishiħ u fl-iffaċilitar - filwaqt li titqies in-natura speċifika tal-kwistjonijiet*** tal-akkomodazzjoni ***esperjenzati fi Stati Membri differenti - azzjoni nazzjonali, reġjonali u lokali permezz tal-adozzjoni ta' oqfsa regolatorji effettivi u ta' appoġġ, koordinazzjoni tal-politika u finanzjament;*** billi huwa meħtieġ approċċ komprensiv u mfassal apposta, kuntrarju għall-prinċipju "kulħadd f'keffa waħda"; |

Or. en

**Emenda 134**
**Irmhild Boßdorf**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi l-politiki tal-akkomodazzjoni jaqgħu taħt il-kompetenzi tal-Istati Membri u l-UE hija marbuta li tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà f'konformità mal-Artikolu 5(1) tat-TUE; billi l-politiki tal-UE jista' jkollhom effetti diretti u indiretti fuq il-fatturi li jiddeterminaw l-offerta u d-domanda tal-akkomodazzjoni; billi huwa meħtieġ approċċ komprensiv u mfassal apposta, kuntrarju għall-prinċipju "kulħadd f'keffa waħda"; | B. billi l-politiki tal-akkomodazzjoni jaqgħu taħt il-kompetenzi tal-Istati Membri u l-UE hija marbuta li tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà f'konformità mal-Artikolu 5(1) tat-TUE; billi l-politiki tal-UE jista' jkollhom effetti diretti u indiretti fuq il-fatturi li jiddeterminaw l-offerta u d-domanda tal-akkomodazzjoni; billi huwa meħtieġ approċċ komprensiv u mfassal apposta, kuntrarju għall-prinċipju "kulħadd f'keffa waħda"; ***billi r-realtajiet tal-akkomodazzjoni jvarjaw b'mod sinifikanti madwar l-Istati Membri u r-reġjuni, u dan jirrifletti strutturi demografiċi distinti, stokk eżistenti ta' akkomodazzjoni, livelli ta' introjtu u imġiba tal-konsumatur;*** |

Or. en

**Emenda 135**
**Julie Rechagneux, Marie-Luce Brasier-Clain, Aleksandar Nikolic, Rachel Blom**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi l-politiki tal-akkomodazzjoni jaqgħu taħt il-kompetenzi tal-Istati Membri u l-UE hija marbuta li tirrispetta ***l-prinċipju*** tas-sussidjarjetà f'konformità mal-Artikolu 5(1) tat-TUE; billi l-politiki tal-UE jista' jkollhom effetti diretti u indiretti fuq il-fatturi li jiddeterminaw l-offerta u d-domanda tal-akkomodazzjoni; billi huwa meħtieġ approċċ komprensiv u mfassal apposta, kuntrarju għall-prinċipju "kulħadd f'keffa waħda"; | B. billi l-politiki tal-akkomodazzjoni jaqgħu taħt il-kompetenzi ***esklużivi*** tal-Istati Membri u l-UE hija marbuta li tirrispetta ***strettament il-prinċipju*** tas-sussidjarjetà u ***ma tidħolx fil-prerogattivi nazzjonali marbuta ma' dan il-qasam ta' kompetenza*** f'konformità mal-Artikolu 5(1) tat-TUE; billi l-politiki tal-UE***, b'mod partikolari fl-enerġija, l-ambjent, il-kompetizzjoni u l-koeżjoni*** jista' jkollhom effetti diretti u indiretti fuq il-fatturi li jiddeterminaw l-offerta u d-domanda tal-akkomodazzjoni; billi huwa meħtieġ approċċ komprensiv u mfassal apposta, kuntrarju għall-prinċipju "kulħadd f'keffa waħda"; |

Or. fr

**Emenda 136**
**György Hölvényi, Pál Szekeres, Jorge Buxadé Villalba**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi l-politiki tal-akkomodazzjoni jaqgħu taħt il-kompetenzi tal-Istati Membri u l-UE hija marbuta li tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà f'konformità mal-Artikolu 5(1) tat-TUE; billi l-politiki tal-UE jista' jkollhom effetti diretti u indiretti fuq il-fatturi li jiddeterminaw l-offerta u d-domanda tal-akkomodazzjoni; billi huwa meħtieġ approċċ komprensiv u mfassal apposta, kuntrarju għall-prinċipju "kulħadd f'keffa waħda"; | B. billi l-politiki tal-akkomodazzjoni jaqgħu taħt il-kompetenzi tal-Istati Membri u l-UE hija marbuta li tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà f'konformità mal-Artikolu 5(1) tat-TUE; billi l-politiki tal-UE jista' jkollhom effetti diretti u indiretti fuq il-fatturi li jiddeterminaw l-offerta u d-domanda tal-akkomodazzjoni; billi huwa meħtieġ approċċ komprensiv u mfassal apposta, kuntrarju għall-prinċipju "kulħadd f'keffa waħda"; ***billi l-migrazzjoni tal-massa żżid b'mod sinifikanti l-pressjoni fuq is-swieq tad-djar, tikkontribwixxi għal nuqqasijiet ta' akkomodazzjoni affordabbli, u toħloq tensjonijiet soċjali;*** |

Or. en

**Emenda 137**
**Georgiana Teodorescu, Antonella Sberna, Lara Magoni, Alessandro Ciriani, Nora Junco García, Nicolas Bay**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi l-politiki tal-akkomodazzjoni jaqgħu taħt il-kompetenzi tal-Istati Membri u l-UE hija marbuta li tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà f'konformità mal-Artikolu 5(1) tat-TUE; billi l-politiki tal-UE jista' jkollhom effetti diretti u indiretti fuq il-fatturi li jiddeterminaw l-offerta u d-domanda tal-akkomodazzjoni; billi huwa meħtieġ approċċ komprensiv u mfassal apposta, kuntrarju għall-prinċipju "kulħadd | B. billi l-politiki tal-akkomodazzjoni jaqgħu taħt il-kompetenzi tal-Istati Membri u ***l-politiki kollha tal-kostruzzjoni u tal-kiri tal-akkomodazzjonijiet jaqgħu taħt il-kompetenza regolatorja awtonoma ta' awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali,*** l-UE hija marbuta li tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà f'konformità mal-Artikolu 5(1) tat-TUE; billi l-politiki tal-UE jista' jkollhom effetti diretti u indiretti fuq il- |

| | |
|---|---|
| f'keffa waħda"; | fatturi li jiddeterminaw l-offerta u d-domanda tal-akkomodazzjoni; billi huwa meħtieġ approċċ komprensiv u mfassal apposta, kuntrarju għall-prinċipju "kulħadd f'keffa waħda"; |

Or. en

**Emenda 138**
**Barry Cowen, Brigitte van den Berg**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi l-politiki tal-akkomodazzjoni jaqgħu taħt il-kompetenzi tal-Istati Membri u l-UE hija marbuta li tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà f'konformità mal-Artikolu 5(1) tat-TUE; billi l-politiki tal-UE jista' jkollhom effetti diretti u indiretti fuq il-fatturi li jiddeterminaw l-offerta u d-domanda tal-akkomodazzjoni; billi huwa meħtieġ approċċ komprensiv u mfassal apposta, kuntrarju għall-prinċipju "kulħadd f'keffa waħda"; | B. billi l-politiki tal-akkomodazzjoni jaqgħu taħt il-kompetenzi tal-Istati Membri u l-UE hija marbuta li tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà f'konformità mal-Artikolu 5(1) tat-TUE; billi l-politiki tal-UE jista' jkollhom effetti diretti u indiretti fuq il-fatturi li jiddeterminaw l-offerta u d-domanda tal-akkomodazzjoni***, b'mod partikolari fir-rigward tar-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat***; billi huwa meħtieġ approċċ komprensiv u mfassal apposta, kuntrarju għall-prinċipju "kulħadd f'keffa waħda" ***b'rikonoxximent ta' livelli differenti ta' affordabbiltà fost l-Istati Membri***; |

Or. en

**Emenda 139**
**Julie Rechagneux, Marie Dauchy, Anne-Sophie Frigout, France Jamet, Mathilde Androuët, Catherine Griset, György Hölvényi, Marie-Luce Brasier-Clain, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier, Klara Dostalova, Rachel Blom**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi l-politiki tal-akkomodazzjoni | B. billi l-politiki tal-akkomodazzjoni |

| | |
|---|---|
| jaqgħu taħt il-kompetenzi tal-Istati Membri u l-UE hija marbuta li tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà f'konformità mal-Artikolu 5(1) tat-TUE; billi l-politiki tal-UE jista' jkollhom effetti diretti u indiretti fuq il-fatturi li jiddeterminaw l-offerta u d-domanda tal-akkomodazzjoni; billi huwa meħtieġ approċċ komprensiv u mfassal apposta, kuntrarju għall-prinċipju "kulħadd f'keffa waħda"; | jaqgħu taħt il-kompetenzi ***esklużivi*** tal-Istati Membri u l-UE hija marbuta ***b'mod strett*** li tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà f'konformità mal-Artikolu 5(1) tat-TUE; billi l-politiki tal-UE***, b'mod partikolari fl-oqsma tal-enerġija, tal-ambjent, tal-kompetizzjoni u tal-koeżjoni,*** jista' jkollhom effetti diretti u indiretti fuq il-fatturi li jiddeterminaw l-offerta u d-domanda tal-akkomodazzjoni; billi huwa meħtieġ approċċ komprensiv u mfassal apposta, kuntrarju għall-prinċipju "kulħadd f'keffa waħda"; |

Or. en

**Emenda 140**
**Borja Giménez Larraz, Dirk Gotink, Nikolina Brnjac, Jagna Marczułajtis-Walczak, Daniel Buda, Niels Geuking, David Casa, Markus Ferber, Sebastião Bugalho, Maravillas Abadía Jover, Inese Vaidere, Regina Doherty, Isabelle Le Callennec, Alma Ezcurra Almansa, Rosa Estaràs Ferragut**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi l-politiki tal-akkomodazzjoni jaqgħu taħt il-kompetenzi tal-Istati Membri u l-UE hija marbuta li tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà f'konformità mal-Artikolu 5(1) tat-TUE; billi l-politiki tal-UE jista' jkollhom effetti diretti u indiretti fuq il-fatturi li jiddeterminaw l-offerta u d-domanda tal-akkomodazzjoni; billi huwa meħtieġ approċċ komprensiv u mfassal apposta, kuntrarju għall-prinċipju "kulħadd f'keffa waħda"; | B. billi l-politiki tal-akkomodazzjoni jaqgħu taħt il-kompetenzi tal-Istati Membri u l-UE hija marbuta li tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà f'konformità mal-Artikolu 5(1) tat-TUE; billi l-politiki tal-UE jista' jkollhom effetti diretti u indiretti fuq il-fatturi li jiddeterminaw l-offerta u d-domanda tal-akkomodazzjoni; billi huwa meħtieġ approċċ komprensiv u mfassal apposta, kuntrarju għall-prinċipju "kulħadd f'keffa waħda" ***biex jiġu indirizzati b'mod adegwat id-diversi sfidi tal-akkomodazzjoni madwar l-Istati Membri***; |

Or. en

**Emenda 141**
**Rachel Blom, Julie Rechagneux, Klara Dostalova, Mathilde Androuët**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa B**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B. billi l-politiki tal-akkomodazzjoni jaqgħu taħt il-kompetenzi tal-Istati Membri u l-UE hija marbuta li tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà f'konformità mal-Artikolu 5(1) tat-TUE; billi l-politiki tal-UE jista' jkollhom effetti diretti u indiretti fuq il-fatturi li jiddeterminaw l-offerta u d-domanda tal-akkomodazzjoni; billi ***huwa meħtieġ approċċ komprensiv u mfassal apposta, kuntrarju għall-prinċipju*** "kulħadd f'keffa waħda"; | B. billi l-politiki tal-akkomodazzjoni jaqgħu taħt il-kompetenzi tal-Istati Membri u l-UE hija marbuta li tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà f'konformità mal-Artikolu 5(1) tat-TUE; billi l-politiki tal-UE jista' jkollhom effetti diretti u indiretti fuq il-fatturi li jiddeterminaw l-offerta u d-domanda tal-akkomodazzjoni; billi ***għalhekk il-miżuri tal-UE għandhom jiġu limitati għat-tneħħija tal-ostakli kkawżati mir-regoli tal-UE u ma għandhomx jimponu mudell ta'*** "kulħadd f'keffa waħda"; |

Or. nl

**Emenda 142**
**Aodhán Ó Ríordáin, Andreas Schieder, Gabriele Bischoff, Alicia Homs Ginel, Marit Maij, Nora Mebarek, Isilda Gomes, Joanna Scheuring-Wielgus, Yannis Maniatis, Marko Vešligaj**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ba (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ba. billi l-kriżi tal-akkomodazzjoni hija kriżi soċjali li timmina d-dinjità, il-koeżjoni u l-ugwaljanza; billi miljuni ta' persuni jiffaċċjaw nuqqas ta' sigurtà tal-akkomodazzjoni, iffullar eċċessiv, abitazzjonijiet mhux xierqa u riskji ta' żgumbrament, bil-gruppi vulnerabbli affettwati b'mod sproporzjonat; billi r-riċerka tissuġġerixxi li sa 1,2 miljun persuna[1a] ma għandhomx dar fl-UE; billi t-tmiem tal-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar, il-garanzija ta' akkomodazzjoni deċenti għal kulħadd, u l-iżgurar ta' protezzjonijiet għal dawk l-aktar vulnerabbli jridu jkunu fil-qalba tal-*** |

***Pjan tal-UE għal Akkomodazzjoni Affordabbli; billi l-Prinċipju 19 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jirrikonoxxi li l-aċċess għall-akkomodazzjoni soċjali jew l-assistenza għall-akkomodazzjoni għal dawk fil-bżonn, kif ukoll il-protezzjoni kontra l-iżgumbrament furzat, huma drittijiet fundamentali; billi l-inadegwatezza u n-nuqqas ta' affordabbiltà persistenti fl-akkomodazzjoni intensifikaw l-esklużjoni soċjali;***

---

***[1a] Il-Federazzjoni Ewropea tal-Organizzazzjonijiet Nazzjonali li Jaħdmu mal-Persuni Mingħajr Dar (FEANTSA) u l-Fondation pour le Logement des Défavorisés, "Tenth Overview of Housing Exclusion in Europe 2025" (L-Għaxar Ħarsa Ġenerali lejn l-Esklużjoni mill-Akkomodazzjoni fl-Ewropa 2025), Settembru 2025.***

Or. en

**Emenda 143**
**Maria Ohisalo, Vicent Marzà Ibáñez, Marie Toussaint, Gordan Bosanac**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ba (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ba. billi l-komunitajiet tal-enerġija u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fis-sistema tal-enerġija huma għodod b'saħħithom mhux biss biex jitnaqqsu l-emissjonijiet, iżda wkoll biex tiġi indirizzata kriżi tal-akkomodazzjoni b'mod ġust u inklużiv, li jkun ta' benefiċċju b'mod speċjali għall-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx, il-kerrejja f'akkomodazzjoni soċjali u ċ-ċittadini li qegħdin f'sitwazzjoni ta' faqar enerġetiku, li spiss jiffaċċjaw l-ogħla kostijiet tal-enerġija u l-anqas kapaċità li jaġixxu;*** |

Or. en

**Emenda 144**
**Leila Chaibi, Irene Montero, Ilaria Salis, Martin Schirdewan, Manon Aubry, Arash Saeidi, Anthony Smith, Giorgos Georgiou, Estrella Galán, Damien Carême, Rima Hassan, Younous Omarjee, Marina Mesure, Catarina Martins, Emma Fourreau, Gaetano Pedulla'**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ba (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ba. billi d-dritt għal akkomodazzjoni huwa minqux fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u għandu jkun irregolat bħala tali u mhux bħala komodità jew prodott finanzjarju; billi l-akkomodazzjoni soċjali hija rikonoxxuta bħala element fundamentali tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali;*** |

Or. en

**Emenda 145**
**Maria Ohisalo, Vicent Marzà Ibáñez, Marie Toussaint, Gordan Bosanac**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ba (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Bb. billi l-inizjattivi tal-enerġija mmexxija mill-komunità, bħar-rinnovazzjonijiet immexxija miċ-Ċittadini jew it-Tisħin u t-Tkessiħ immexxija mill-Komunità, jikkontribwixxu direttament għal soluzzjonijiet tal-akkomodazzjoni billi jbaxxu l-kontijiet tal-enerġija u jtejbu l-affordabbiltà permezz ta' enerġija lokali, rinnovabbli u taċ-ċittadini u jiffaċilitaw ir-rinnovazzjonijiet kollettivi, it-titjib tal-effiċjenza enerġetika u d-dekarbonizzazzjoni tal-provvista tat-tisħin*** |

***u tat-tkessiħ tagħhom f'abitazzjonijiet b'rendiment baxx fl-użu tal-enerġija; billi l-inizjattivi tal-enerġija mmexxija mill-komunità jikkontribwixxu wkoll għall-bini tar-reżiljenza lokali u l-istabbiltà ekonomika billi jżommu d-dħul tal-enerġija fil-komunitajiet u joħolqu strutturi ta' governanza inklużivi, trasparenti u demokratiċi fejn iċ-ċittadini jistgħu jfasslu d-deċiżjonijiet li jaffettwaw id-djar u l-użu tal-enerġija tagħhom;***

Or. en

**Emenda 146**
**Leila Chaibi, Irene Montero, Ilaria Salis, Martin Schirdewan, Manon Aubry, Arash Saeidi, Anthony Smith, Giorgos Georgiou, Estrella Galán, Damien Carême, Rima Hassan, Younous Omarjee, Marina Mesure, Catarina Martins, Emma Fourreau, Gaetano Pedulla'**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ba (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Bb. billi l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB) tinkludi d-dritt għal akkomodazzjoni u kundizzjonijiet ta' għajxien deċenti u li jixirqu lill-bnedmin u billi l-Artikolu 34(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u l-prinċipju 19 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jipproteġu u jippromwovu d-dritt għall-assistenza soċjali u tal-akkomodazzjoni;*** |

Or. en

**Emenda 147**
**Leila Chaibi, Irene Montero, Ilaria Salis, Martin Schirdewan, Manon Aubry, Arash Saeidi, Anthony Smith, Giorgos Georgiou, Estrella Galán, Damien Carême, Rima Hassan, Younous Omarjee, Marina Mesure, Catarina Martins, Emma Fourreau, Gaetano Pedulla'**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Premessa Bc (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Bb. billi l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB), tagħti prijorità lid-dritt għal akkomodazzjoni bħala dritt fundamentali, filwaqt li tisħaq fuq il-ħtieġa li tiġi protetta u li tiġi vvalutata b'attenzjoni l-proporzjonalità tat-telf tad-dar ta' persuna;*** |

Or. en

**Emenda 148**
**Leila Chaibi, Irene Montero, Ilaria Salis, Martin Schirdewan, Manon Aubry, Arash Saeidi, Anthony Smith, Giorgos Georgiou, Estrella Galán, Damien Carême, Rima Hassan, Younous Omarjee, Marina Mesure, Catarina Martins, Emma Fourreau, Gaetano Pedulla'**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Bd (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Bd. billi d-Direttiva 93/13/KEE dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur, kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, tirrikjedi li l-Istati Membri jadottaw il-miżuri kollha meħtieġa, inkluża l-possibbiltà ta' azzjoni legali quddiem il-qrati nazzjonali biex tiġi pprevenuta l-implimentazzjoni kontinwa tagħhom, jiġi żgurat li l-konsumaturi mhumiex marbuta bi klawżoli inġusti f'kuntratti u li għandhom rimedji effettivi kontra dawn il-klawżoli;*** |

Or. en

**Emenda 149**

**Leila Chaibi, Irene Montero, Ilaria Salis, Martin Schirdewan, Manon Aubry, Arash Saeidi, Anthony Smith, Giorgos Georgiou, Estrella Galán, Damien Carême, Rima Hassan, Younous Omarjee, Marina Mesure, Catarina Martins, Emma Fourreau, Gaetano Pedulla'**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Be (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Be. billi l-ġurisprudenza stabbilita mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) fil-Kawża C-415/11 tiddikjara li, skont id-Direttiva 93/13/KEE, huwa l-kompitu tal-qrati nazzjonali li jivverifikaw jekk klawżola hijiex inġusta, u jekk tkun inġusta, din trid titneħħa mill-bidu nett; billi l-QĠUE tisħaq fuq l-importanza tad-disponibbiltà ta' miżuri interim sabiex jitwaqqfu jew jiġu sospiżi t-tkeċċijiet filwaqt li l-qrati nazzjonali jivvalutaw in-natura inġusta ta' klawżoli rilevanti f'kuntratti; billi l-QĠUE tisħaq b'mod partikolari li l-qrati nazzjonali għandhom jivvalutaw in-natura inġusta tal-klawżoli f'kuntratti fuq inizjattiva proprja jekk ikun meħtieġ, u li l-konsumaturi jeħtiġilhom ikollhom miżuri interim disponibbli biex iwaqqfu jew jissospendu proċeduri ta' infurzar filwaqt li l-qrati nazzjonali jivvalutaw in-natura inġusta possibbli tal-klawżoli rilevanti f'kuntratti;*** |

Or. en

**Emenda 150**
**Leila Chaibi, Irene Montero, Ilaria Salis, Martin Schirdewan, Manon Aubry, Arash Saeidi, Anthony Smith, Giorgos Georgiou, Estrella Galán, Damien Carême, Rima Hassan, Younous Omarjee, Marina Mesure, Catarina Martins, Emma Fourreau, Gaetano Pedulla'**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Bf (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|

***Bf. billi xi gvernijiet tal-UE mhumiex qed jimplimentaw b'mod effettiv id-Direttiva 93/13/KEE, u qed jiksru b'mod flagranti d-drittijiet tal-mutwatarji, u b'hekk ipoġġu lill-unitajiet domestiċi f'riskju ta' preklużjoni;***

Or. en

**Emenda 151**
**Leila Chaibi, Irene Montero, Ilaria Salis, Martin Schirdewan, Manon Aubry, Arash Saeidi, Anthony Smith, Giorgos Georgiou, Estrella Galán, Damien Carême, Rima Hassan, Younous Omarjee, Marina Mesure, Catarina Martins, Emma Fourreau, Gaetano Pedulla'**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Bg (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Bg. billi f'xi Stati Membri l-ewwel djar qed jiġu rkantati mingħajr ebda politika komprensiva stabbilita għall-forniment ta' akkomodazzjoni alternattiva; billi d-dispożizzjonijiet tal-qafas legali eżistenti li jirregolaw l-ipoteki jservu bis-sħiħ l-interessi tal-banek, filwaqt li jonqsu milli jipproteġu lill-mutwatarji vulnerabbli li jistgħu jsibu ruħhom bi ftit jew bl-ebda introjtu u billi ma tingħata l-ebda garanzija rigward id-dritt ta' dawk kollha affettwati li jitolbu sospensjoni fi proċedimenti li qed jistennew deċiżjoni tal-qorti dwar l-ammissibbiltà tal-pagament totali mitlub;*** |

Or. en

**Emenda 152**
**Leila Chaibi, Irene Montero, Ilaria Salis, Martin Schirdewan, Manon Aubry, Arash Saeidi, Anthony Smith, Giorgos Georgiou, Estrella Galán, Damien Carême, Rima Hassan, Younous Omarjee, Marina Mesure, Catarina Martins, Emma Fourreau, Gaetano Pedulla'**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**

**Premessa Bh (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Bh. billi madwar 1,3 miljun persuna fl-UE ma għandhomx dar, inkluż 400 000 tifel u tifla;*** |

Or. en

**Emenda 153**
**Leila Chaibi, Irene Montero, Ilaria Salis, Martin Schirdewan, Manon Aubry, Arash Saeidi, Anthony Smith, Giorgos Georgiou, Estrella Galán, Damien Carême, Rima Hassan, Younous Omarjee, Marina Mesure, Catarina Martins, Emma Fourreau, Gaetano Pedulla'**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Bi (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Bi. billi rati dejjem akbar ta' preklużjonijiet tad-dritt ipotekarju u tkeċċijiet f'diversi Stati Membru rriżultaw f'żieda fin-nuqqas ta' sigurtà tal-akkomodazzjoni, fil-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar, u fl-esklużjoni soċjali;*** |

Or. en

**Emenda 154**
**Leila Chaibi, Irene Montero, Ilaria Salis, Martin Schirdewan, Manon Aubry, Arash Saeidi, Anthony Smith, Giorgos Georgiou, Estrella Galán, Damien Carême, Rima Hassan, Younous Omarjee, Marina Mesure, Catarina Martins, Emma Fourreau, Gaetano Pedulla'**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Bj (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Bj. billi l-Unjoni Ewropea għad trid tadotta qafas komprensiv u vinkolanti biex tipprevjeni b'mod effettiv tkeċċijiet*** |

***furzati u tiggarantixxi l-aċċess għall-akkomodazzjoni affordabbli u adegwata għaċ-ċittadini kollha;***

Or. en

**Emenda 155**
**Leila Chaibi, Irene Montero, Ilaria Salis, Martin Schirdewan, Manon Aubry, Arash Saeidi, Anthony Smith, Giorgos Georgiou, Estrella Galán, Damien Carême, Rima Hassan, Younous Omarjee, Marina Mesure, Catarina Martins, Emma Fourreau, Gaetano Pedulla'**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| C. billi l-isfidi tal-akkomodazzjoni huma varji fost l-Istati Membri, ir-reġjuni u l-bliet, inklużi ż-żoni rurali, il-gżejjer u r-reġjuni ultraperiferiċi; billi r-rwol tal-awtoritajiet lokali, muniċipali u reġjonali huwa kruċjali, kemm fl-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet kif ukoll fl-iżvilupp ta' miżuri mfassla apposta biex jindirizzaw l-isfidi lokali; billi l-promozzjoni ta' strateġija urbana komprensiva hija essenzjali, b'mod partikolari f'żoni ***depopolati, rurali u insulari***; | C. billi l-isfidi tal-akkomodazzjoni huma varji fost l-Istati Membri, ir-reġjuni u l-bliet, inklużi ż-żoni rurali, il-gżejjer u r-reġjuni ultraperiferiċi***; billi ċerti kwistjonijiet ewlenin, bħall-akkomodazzjoni battala, il-prezzijiet tal-kiri dejjem jiżdiedu, it-tnaqqis tal-stokk ta' akkomodazzjoni disponibbli, il-kirjiet għal żmien qasir b'mod partikolari permezz ta' pjattaformi u l-finanzjalizzazzjoni tas-suq tal-kiri, huma preżenti f'għadd kbir ta' żoni, inkuż fi bliet kbar, żgħar u ta' daqs medju***; billi r-rwol tal-awtoritajiet lokali, muniċipali u reġjonali huwa kruċjali, kemm fl-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet kif ukoll fl-iżvilupp ta' miżuri mfassla apposta biex jindirizzaw l-isfidi lokali; billi ***l-Unjoni jeħtiġilha tressaq strateġija, inkluż regolamenti ġodda, li tippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jaġixxu skont il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom; billi*** l-promozzjoni ta' strateġija urbana komprensiva hija essenzjali, b'mod partikolari f'żoni ***ta' popolazzjoni densa fejn il-kriżi tal-akkomodazzjoni hija l-aktar akuta***; |

Or. en

**Emenda 156**
**Aodhán Ó Ríordáin, Andreas Schieder, Gabriele Bischoff, Alicia Homs Ginel, Marit Maij, Nora Mebarek, Isilda Gomes, Joanna Scheuring-Wielgus, Yannis Maniatis, Marko Vešligaj**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| C. billi l-isfidi tal-akkomodazzjoni huma varji fost l-Istati Membri, ir-reġjuni u l-bliet, inklużi ż-żoni rurali, il-gżejjer u r-reġjuni ultraperiferiċi***;*** billi r-rwol tal-awtoritajiet lokali, muniċipali u reġjonali huwa kruċjali, kemm fl-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet kif ukoll fl-iżvilupp ta' miżuri mfassla apposta biex jindirizzaw l-isfidi lokali; billi l-promozzjoni ta' ***strateġija urbana komprensiva*** hija essenzjali***, b'mod partikolari f'żoni depopolati, rurali u insulari***; | C. billi l-isfidi ***u s-soluzzjonijiet*** tal-akkomodazzjoni huma varji fost l-Istati Membri, ir-reġjuni u l-bliet, inklużi ż-żoni rurali, il-gżejjer u r-reġjuni ultraperiferiċi***;*** billi r-rwol tal-awtoritajiet lokali, muniċipali u reġjonali huwa kruċjali, kemm fl-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet kif ukoll fl-iżvilupp ta' miżuri mfassla apposta biex jindirizzaw l-isfidi lokali ***permezz tal-kompetenzi tagħhom fl-użu tal-art, fl-ippjanar spazjali, urban u reġjonali, fir-regolamenti tal-bini, u fl-għoti tal-permessi***; billi l-promozzjoni ta' ***pjanijiet tal-iżvilupp lokali u reġjonali inklużivi u bbażati fuq il-komunità*** hija essenzjali***; billi l-awtoritajiet pubbliċi fil-livelli kollha jeħtiġilhom jingħataw is-setgħa u jiġu ffinanzjati kif xieraq biex jiggarantixxu l-aċċess għal akkomodazzjoni deċenti, affordabbli u adegwata***; |

Or. en

**Emenda 157**
**Barry Cowen, Brigitte van den Berg**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| C. billi l-isfidi tal-akkomodazzjoni huma varji fost l-Istati Membri, ir-reġjuni u l-bliet, inklużi ż-żoni rurali, il-gżejjer u r-reġjuni ultraperiferiċi; billi r-rwol tal-awtoritajiet lokali, muniċipali u reġjonali huwa kruċjali, kemm fl-identifikazzjoni | C. billi l-isfidi tal-akkomodazzjoni huma varji fost l-Istati Membri, ir-reġjuni u l-bliet, inklużi ż-żoni rurali, il-gżejjer u r-reġjuni ultraperiferiċi***, li ħafna minnhom ibatu sussegwentement minn sfidi demokratiċi speċifiċi u profondi***; billi r- |

| | |
|---|---|
| tal-ħtiġijiet kif ukoll fl-iżvilupp ta' miżuri mfassla apposta biex jindirizzaw l-isfidi lokali; billi l-promozzjoni ta' strateġija ***urbana*** komprensiva hija essenzjali, b'mod partikolari f'żoni depopolati, rurali u insulari; | rwol tal-awtoritajiet lokali, muniċipali u reġjonali huwa kruċjali, kemm fl-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet kif ukoll fl-iżvilupp ta' miżuri mfassla apposta biex jindirizzaw l-isfidi lokali; billi ***ħafna Stati Membri ma għandhomx l-istituzzjonijiet lokali u l-għarfien neċessarji biex jiżviluppaw politiki tal-akkomodazzjoni effettivi u mfassla apposta; billi*** l-promozzjoni ta' strateġija ***tal-ippjanar spazjali*** komprensiva hija essenzjali, b'mod partikolari f'żoni depopolati, rurali u insulari; |

Or. en

**Emenda 158**
**Brigitte van den Berg, Barry Cowen, Martin Hojsík, Ciaran Mullooly**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| C. billi l-isfidi tal-akkomodazzjoni huma varji fost l-Istati Membri, ir-reġjuni u l-bliet, inklużi ż-żoni rurali, il-gżejjer u r-reġjuni ultraperiferiċi; billi r-rwol tal-awtoritajiet lokali, muniċipali u reġjonali huwa kruċjali, kemm fl-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet kif ukoll fl-iżvilupp ta' miżuri mfassla apposta biex jindirizzaw l-isfidi lokali; billi l-promozzjoni ta' strateġija ***urbana*** komprensiva hija essenzjali, b'mod partikolari f'żoni depopolati, rurali u insulari; | C. billi l-isfidi tal-akkomodazzjoni huma varji fost l-Istati Membri, ir-reġjuni u l-bliet, inklużi ż-żoni rurali, il-gżejjer u r-reġjuni ultraperiferiċi; billi r-rwol tal-awtoritajiet lokali, muniċipali u reġjonali huwa kruċjali, kemm fl-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet kif ukoll fl-iżvilupp ta' miżuri mfassla apposta biex jindirizzaw l-isfidi lokali; billi ***ħafna Stati Membri ma għandhomx l-istituzzjonijiet lokali u l-għarfien meħtieġa biex jiżviluppaw politiki tal-akkomodazzjoni effettivi u mfassla apposta, billi*** l-promozzjoni ta' strateġija ***tal-ippjanar spazjali*** komprensiva hija essenzjali, b'mod partikolari f'żoni depopolati, rurali u insulari; |

Or. en

**Emenda 159**

**Ciaran Mullooly**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| C. billi l-isfidi tal-akkomodazzjoni huma varji fost l-Istati Membri, ir-reġjuni u l-bliet, inklużi ż-żoni rurali, il-gżejjer u r-reġjuni ultraperiferiċi; billi r-rwol tal-awtoritajiet lokali, muniċipali u reġjonali huwa kruċjali, kemm fl-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet kif ukoll fl-iżvilupp ta' miżuri mfassla apposta biex jindirizzaw l-isfidi lokali; billi l-promozzjoni ta' strateġija urbana komprensiva hija essenzjali, b'mod partikolari f'żoni depopolati, rurali u insulari; | C. billi l-isfidi tal-akkomodazzjoni huma varji fost l-Istati Membri, ir-reġjuni u l-bliet, inklużi ż-żoni rurali, il-gżejjer u r-reġjuni ultraperiferiċi; billi r-rwol tal-awtoritajiet lokali, muniċipali u reġjonali huwa kruċjali, kemm fl-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet kif ukoll fl-iżvilupp ta' miżuri mfassla apposta biex jindirizzaw l-isfidi lokali; billi l-promozzjoni ta' strateġija urbana komprensiva hija essenzjali, b'mod partikolari f'żoni depopolati, rurali u insulari; ***billi l-politiki tal-akkomodazzjoni rurali innovattivi, bħall-għoti ta' permess għal abitazzjonijiet multipli fuq art li tkun proprjetà ta' familja b'infrastruttura ambjentali xierqa, jistgħu jgħinu biex isostnu u jżidu l-popolazzjoni tal-komunitajiet rurali;*** |

Or. en

**Emenda 160**
**Georgiana Teodorescu, Antonella Sberna, Alessandro Ciriani, Lara Magoni, Nora Junco García**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa C**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| C. billi l-isfidi tal-akkomodazzjoni huma varji fost l-Istati Membri, ir-reġjuni u l-bliet, inklużi ż-żoni rurali, il-gżejjer u r-reġjuni ultraperiferiċi; billi r-rwol tal-awtoritajiet lokali, muniċipali u reġjonali huwa kruċjali, kemm fl-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet kif ukoll fl-iżvilupp ta' miżuri mfassla apposta biex jindirizzaw l-isfidi lokali; billi l-promozzjoni ta' strateġija ***urbana*** komprensiva hija essenzjali, b'mod | C. billi l-isfidi tal-akkomodazzjoni huma varji fost l-Istati Membri, ir-reġjuni u l-bliet, inklużi ż-żoni rurali, il-gżejjer u r-reġjuni ultraperiferiċi; billi r-rwol tal-awtoritajiet lokali, muniċipali u reġjonali huwa kruċjali, kemm fl-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet kif ukoll fl-iżvilupp ta' miżuri mfassla apposta biex jindirizzaw l-isfidi lokali; billi l-promozzjoni ta' strateġija ***tal-akkomodazzjoni*** komprensiva hija |

| | |
|---|---|
| | ***Da. billi l-kriżi tal-akkomodazzjoni għandha natura doppja li tirrikjedi azzjoni bbilanċjata u kkoordinata; billi, minn naħa waħda, iż-żoni urbani qed jiffaċċjaw kriżijiet ta' affordabbiltà u ta' aċċessibbiltà akuti, filwaqt li min-naħa l-oħra, ħafna reġjuni rurali u periferali qed jesperjenzaw id-depopolazzjoni u t-tnaqqis soċjali kif ukoll ekonomiku; billi dan jitlob approċċ integrat u territorjali li jkun kapaċi jindirizza ż-żewġ dimensjonijiet b'mod koerenti;*** |

Or. en

**Emenda 207**
**Leila Chaibi, Irene Montero, Ilaria Salis, Martin Schirdewan, Manon Aubry, Arash Saeidi, Anthony Smith, Giorgos Georgiou, Estrella Galán, Damien Carême, Rima Hassan, Younous Omarjee, Marina Mesure, Catarina Martins, Emma Fourreau, Gaetano Pedulla'**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Da (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Da. billi wieħed mill-ixprunaturi ewlenin tal-prezzijiet tal-akkomodazzjonijiet f'ħafna ekonomiji huwa d-domanda esterna minn pajjiżi b'introjtu medju ħafna ogħla u minn attivitajiet turistiċi; billi l-Kummissjoni ħarġet rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi li jinkludu kontrolli tal-kera u limiti għal kirjiet għal żmien qasir; billi diversi Stati Membri implimentaw dawn il-kontrolli u l-limiti;*** |

Or. en

**Emenda 208**
**Aodhán Ó Ríordáin, Andreas Schieder, Gabriele Bischoff, Alicia Homs Ginel, Marit Maij, Nora Mebarek, Isilda Gomes, Joanna Scheuring-Wielgus, Yannis Maniatis, Marko Vešligaj**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Db (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Db. billi, fl-2024, il-klijenti qattgħu 854,1 miljun lejl f'kirjiet għal żmien qasir fl-UE[1a], li jirrappreżenta żieda ta' 18,8 % meta mqabbla mal-2023; billi fl-ewwel trimestru tal-2025, l-STRs komplew din it-trajettorja 'l fuq, b'żieda ta' 4,8 % meta mqabbla mal-ewwel trimestru tal-2024 u żieda sinifikanti ta' 34,5 % meta mqabbla*** |

***mal-ewwel trimestru tal-2023; billi dan it-tkabbir sostnut tal-attività tal-STR jaggrava l-pressjonijiet tal-affordabbiltà f'żoni b'domanda għolja, jikkontribwixxi għal nuqqasijiet ta' akkomodazzjoni, u joħloq sfidi għall-awtoritajiet lokali biex ifittxu li jibbilanċjaw it-turiżmu mad-dritt tar-residenti għal akkomodazzjoni adegwata;***

---

***[1a] Il-Parlament Ewropew, "The Regulatory Aspects of Short-Term Rentals in the EU" (L-Aspetti Regolatorji ta' Kirjiet għal Żmien Qasir fl-UE), id-Dipartiment Tematiku għat-Trasport, l-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, Settembru 2025.***

Or. en

**Emenda 209**
**Maria Ohisalo, Vicent Marzà Ibáñez, Marie Toussaint, Gordan Bosanac**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Db (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Db. billi l-kundizzjonijiet ħżiena tal-akkomodazzjoni jirrappreżentaw kwistjoni tas-saħħa pubblika ewlenija fl-Ewropa, b'aktar minn 100 000 mewta annwali attribwibbli għal akkomodazzjoni mhux xierqa, u b'miljuni li jgħixu f'abitazzjonijiet affettwati minn moffa, tnixxijiet tal-ilma, skumdità termali, pesti u sustanzi niġġiesa perikoluż, bħaċ-ċomb u l-asbestos, li jwasslu għal firxa wiesgħa ta' konsegwenzi tas-saħħa fiżika u mentali, tnaqqis fil-benessri ġenerali, żieda fil-pressjoni fuq is-sistemi tal-kura tas-saħħa u kostijiet ekonomiċi sostanzjali li jirriżultaw minn mard li jista' jiġi pprevenut, telf fil-produttività u ħtiġijiet tal-kura għal terminu twil;*** |

Or. en

**Emenda 210**
**Maria Ohisalo, Vicent Marzà Ibáñez, Marie Toussaint, Gordan Bosanac**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Dc (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Dc. billi 15,5 % tal-popolazzjoni tal-UE, b'mod partikolari l-unitajiet domestiċi vulnerabbli, qed jitħabtu ma' kundizzjonijiet tal-għajxien inadegwati, bħal moffa, soqfa jqattru, ħitan, art jew pedamenti umdi u ventilazzjoni mhux adegwata, li jimminaw il-kundizzjoni tas-saħħa tagħhom; billi parti dejjem akbar tal-istokk tal-akkomodazzjoni f'diversi żoni urbani u xi żoni rurali speċifiċi, bħal fil-każ tat-tant magħruf Camino de Santiago, ġiet ittrasformata f'kirjiet għal żmien qasir għat-turisti ("orjentazzjoni lejn it-turiżmu"), u dan wassal għal provvista ta' akkomodazzjoni limitata anke fejn din kienet diġà llimitata b'mod sever, u b'hekk ġiet aggravata l-iskarsezza ta' akkomodazzjoni affordabbli u ta' kwalità, tnaqqset is-sigurtà tal-pussess tal-kerrejja, u l-prezzijiet żdiedu sa livelli mhux sostenibbli u ġew ikkawżati l-ispostament u l-ġentrifikazzjoni; billi, fl-istess ħin, reġjuni oħra, fost iż-żoni l-aktar vulnerabbli u r-reġjuni ultraperiferiċi, ibatu minn nuqqas kruċjali ta' akkomodazzjoni deċenti u riżorsi insuffiċjenti biex tiġi indirizzata l-kriżi tal-akkomodazzjoni;*** |

Or. en

**Emenda 211**
**Aodhán Ó Ríordáin, Andreas Schieder, Gabriele Bischoff, Alicia Homs Ginel, Marit Maij, Nora Mebarek, Isilda Gomes, Joanna Scheuring-Wielgus, Yannis Maniatis, Marko Vešligaj**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Dc (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Dc. billi l-kirjiet għal żmien qasir għadhom ikkonċentrati ħafna f'żoni ċentrali u turistiċi ta' bliet Ewropej ewlenin, fejn għandhom l-akbar impatt evidenti fuq is-swieq tad-djar; billi l-istudji ddokumentaw li f'ċerti viċinati ta' Barċellona, Pariġi, u Ruma, l-STRs jirrappreżentaw bejn 17 % u 25 % tal-unitajiet tal-abitazzjoni kollha, b'żidiet li jilħqu l-50 % f'ċerti toroq; billi tali konċentrazzjonijiet għolja ta' attività tal-STR huma assoċjati ma' tnaqqis fil-popolazzjoni lokali, tnaqqis fil-provvista ta' akkomodazzjonijiet għall-kiri għal żmien twil, u prezzijiet tal-kiri dejjem jiżdiedu, u b'hekk jikkontribwixxu għal nuqqas ta' affordabbiltà tal-akkomodazzjoni u spostament urban;*** |

Or. en

**Emenda 212**
**Aodhán Ó Ríordáin, Andreas Schieder, Gabriele Bischoff, Alicia Homs Ginel, Marit Maij, Nora Mebarek, Isilda Gomes, Joanna Scheuring-Wielgus, Yannis Maniatis, Marko Vešligaj**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Dd (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Dd. billi l-espansjoni tal-kirjiet għal żmien qasir (STRs) mhijiex limitata għal ċentri urbani ewlenin iżda qed taffettwa dejjem aktar iż-żoni kostali u insulari, fejn l-intensità għolja tat-turiżmu u l-provvista tal-akkomodazzjoni limitata jaggravaw il-pressjonijiet ta' affordabbiltà għar-residenti lokali u għall-ħaddiema staġjonali;*** |

Or. en

**Emenda 213**
**Aodhán Ó Ríordáin, Andreas Schieder, Gabriele Bischoff, Alicia Homs Ginel, Marit Maij, Nora Mebarek, Isilda Gomes, Joanna Scheuring-Wielgus, Yannis Maniatis, Marko Vešligaj**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa De (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***De. billi l-awtoritajiet nazzjonali u lokali identifikaw ripetutament numri sostanzjali ta' listings illegali jew mhux konformi, pereżempju, f'Mejju 2025, il-gvern Spanjol ordna t-tneħħija ta' 66 000 listing illegali minn pjattaformi online, filwaqt li f'Pariġi, l-uffiċjali pubbliċi jistmaw li madwar 25 000 listing jiksru r-regoli attwali; billi l-persistenza ta' tali prattiki timmina l-kompetizzjoni ġusta, tnaqqas id-disponibbiltà tal-akkomodazzjoni għar-residenti, u tfixkel l-infurzar effettiv ta' politiki tal-akkomodazzjoni lokali;*** |

Or. en

**Emenda 214**
**Aodhán Ó Ríordáin, Andreas Schieder, Gabriele Bischoff, Alicia Homs Ginel, Marit Maij, Nora Mebarek, Isilda Gomes, Joanna Scheuring-Wielgus, Yannis Maniatis, Marko Vešligaj**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Df (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Df. billi l-evidenza[1a] turi li s-suq tal-kiri għal żmien qasir (STR) sar dejjem aktar professjonalizzat u kkonċentrat; billi, f'Diċembru 2023, il-proporzjon ta' listings ta' Airbnb irreklamati minn ospiti li jimmaniġġjaw aktar minn proprjetà*** |

***waħda (“diversi listings”) qabeż l-40 % f’9 minn 12-il belt Ewropea studjati, u laħaq l-74 % fi Praga; billi r-riċerka tindika li l-provvista tal-kiri għal żmien qasir issa tvarja minn sidien tal-proprjetà fuq skala żgħira għal investituri b’diversi proprjetajiet u atturi istituzzjonali, inklużi proprjetà immobbli u fondi tal-pensjoni internazzjonali; billi din l-evoluzzjoni tirrifletti proċess usa’ tal-finanzjalizzazzjoni tal-akkomodazzjoni, filwaqt li tittrasforma l-abitazzjonijiet f’assi ta’ investiment u tikkontribwixxi għal forom ġodda ta’ estrazzjoni tal-kera li jaggravaw l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni;***

---

***[1a] Il-Parlament Ewropew, “The Regulatory Aspects of Short-Term Rentals in the EU” (L-Aspetti Regolatorju ta’ Kirjiet għal Żmien Qasir fl-UE), Dipartiment Tematiku għat-Trasport, l-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, Settembru 2025.***

Or. en

**Emenda 215**
**Borja Giménez Larraz, Dirk Gotink, Nikolina Brnjac, Jagna Marczułajtis-Walczak, Daniel Buda, Niels Geuking, Markus Ferber, Sebastião Bugalho, Maravillas Abadía Jover, Regina Doherty, Isabelle Le Callennec, Alma Ezcurra Almansa, Marco Falcone, Rosa Estaràs Ferragut**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. billi huwa kruċjali li l-proċessi ta’ ġestjoni u ta’ trasformazzjoni tal-art jitħaffu biex tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-art għall-kostruzzjoni finali; billi l-kumplessità u t-tul attwali tal-proċeduri tal-ippjanar urban, li spiss jieħdu aktar minn għaxar snin, ifixklu l-iżvilupp ta’ offerta ġdida tal-akkomodazzjoni; billi, skont l- | E. billi huwa kruċjali li l-proċessi ta’ ġestjoni u ta’ trasformazzjoni tal-art jitħaffu biex tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-art għall-kostruzzjoni finali; billi l-kumplessità u t-tul attwali tal-proċeduri tal-ippjanar urban, li spiss jieħdu aktar minn għaxar snin, ifixklu l-iżvilupp ta’ offerta ġdida tal-akkomodazzjoni; billi, skont l- |

| | |
|---|---|
| OECD, dawn id-diskrepanzi fl-offerta u fid-domanda jirriżultaw minn restrizzjonijiet ġeografiċi u restrizzjonijiet regolatorji f'ħafna bliet, inklużi dawk relatati mad-dispożizzjonijiet dwar l-użu tal-art u t-tqassim f'żoni[9]; | OECD, dawn id-diskrepanzi fl-offerta u fid-domanda jirriżultaw minn restrizzjonijiet ġeografiċi u restrizzjonijiet regolatorji f'ħafna bliet, inklużi dawk relatati mad-dispożizzjonijiet dwar l-użu tal-art u t-tqassim f'żoni[9]; ***billi d-dewmien huwa xprunat aktar minn governanza istituzzjonali frammentata f'diversi livelli amministrattivi, oqfsa regolatorji riġidi u regoli li jikkoinċidu, kapaċità amministrattiva limitata, rekwiżiti tekniċi fl-awtoritajiet lokali u reġjonali u sfidi legali u appelli mill-partijiet ikkonċernati;*** |
| [9] OECD, Brick by Brick: Building Better Housing Policies, Pubblikazzjonijiet tal-OECD, Pariġi, 2021. | [9] OECD, Brick by Brick: Building Better Housing Policies, Pubblikazzjonijiet tal-OECD, Pariġi, 2021. |

Or. en

**Emenda 216**
**Maria Ohisalo, Vicent Marzà Ibáñez, Marie Toussaint, Gordan Bosanac**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. billi ***huwa kruċjali li l-proċessi*** ta' ġestjoni ***u ta' trasformazzjoni tal-art jitħaffu biex tiġi żgurata d-disponibbiltà*** tal-art ***għall-kostruzzjoni finali***; billi ***l-kumplessità u t-tul attwali tal-proċeduri tal-ippjanar*** urban***, li spiss jieħdu aktar minn għaxar snin, ifixklu*** l-iżvilupp ta' ***offerta ġdida tal-akkomodazzjoni***; billi***, skont l-OECD, dawn id-diskrepanzi fl-offerta u fid-domanda jirriżultaw minn restrizzjonijiet ġeografiċi u restrizzjonijiet regolatorji f'ħafna bliet, inklużi dawk relatati mad-dispożizzjonijiet dwar l-użu*** tal-art ***u t-tqassim f'żoni[9]***; | E. billi ***l-proċess*** ta' ġestjoni tal-art ***għandu jkun konformi mal-għan tal-UE ta' "l-ebda telħid tal-art sal-2050" kif stabbilit fl-Istrateġija tal-UE dwar il-Ħamrija għall-2030; billi l-iżvilupp u l-kostruzzjoni tal-akkomodazzjoni jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għat-telħid tal-art u l-issiġillar tal-ħamrija, li għandhom jiġu evitati permezz tal-prijoritizzazzjoni tar-rinnovazzjoni u tal-adattament għal skop ġdid***; billi ***l-proċessi tal-ippjanar*** urban ***ineffettivi u li jieħdu fit-tul, it-tqassim f'żoni u l-għoti ta' permessi jistgħu jfixklu*** l-iżvilupp ta' ***adattament għal skop ġdid ta' stokk eżistenti ta' akkomodazzjoni***; billi ***l-governanza tal-akkomodazzjoni frammentata u l-koordinazzjoni dgħajfa*** |

***jilllimitaw ir-riformi sistemiċi; billi l-iffukar fuq proċessi tal-għoti ta' permessi u tal-użu*** tal-art ***prevedibbli, trasparenti u effiċjenti, u fuq il-koordinazzjoni ta' atturi differenti fir-rigward tal-ippjanar tal-iżvilupp tal-akkomodazzjoni u ta' infrastruttura relatata, jista' jkollhom effett pożittiv fuq l-ambjent operattiv***;

---

***[9] OECD, Brick by Brick: Building Better Housing Policies, Pubblikazzjonijiet tal-OECD, Pariġi, 2021.***

Or. en

**Emenda 217**
**Aodhán Ó Ríordáin, Andreas Schieder, Gabriele Bischoff, Alicia Homs Ginel, Marit Maij, Nora Mebarek, Isilda Gomes, Joanna Scheuring-Wielgus, Yannis Maniatis, Marko Vešligaj, Johan Danielsson**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. billi ***huwa kruċjali li*** l-proċessi ta' ġestjoni u ta' trasformazzjoni tal-art ***jitħaffu*** biex tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-art għall-kostruzzjoni finali; billi ***l-kumplessità u t-tul attwali tal-proċeduri*** tal-ippjanar urban***, li spiss jieħdu aktar minn għaxar snin, ifixklu*** l-iżvilupp ta' offerta ġdida tal-akkomodazzjoni; billi, skont l-OECD, dawn id-diskrepanzi fl-offerta u fid-domanda jirriżultaw minn restrizzjonijiet ġeografiċi u restrizzjonijiet regolatorji f'ħafna bliet***, inklużi dawk relatati mad-dispożizzjonijiet dwar l-użu tal-art u t-tqassim f'żoni***[9]; | E. billi ***l-ħtiġijiet soċjali, ekonomiċi u ambjentali jridu jitqiesu meta jittieħdu d-deċiżjonijiet dwar l-użu tal-art; billi*** l-proċessi ta' ġestjoni u ta' trasformazzjoni tal-art ***huma kruċjali*** biex tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-art għall-kostruzzjoni finali; billi ***l-proċeduri*** tal-ippjanar urban ***iridu jkunu xierqa biex jiżguraw*** l-iżvilupp ta' offerta ġdida tal-akkomodazzjoni ***affordabbli u soċjali; billi d-deċiżjonijiet dwar l-użu tal-art huma impenji fit-tul u jistgħu jkunu diffiċli biex jitreġġgħu lura***; billi, skont l-OECD, dawn id-diskrepanzi fl-offerta u fid-domanda ***jistgħu*** jirriżultaw minn restrizzjonijiet ġeografiċi u restrizzjonijiet regolatorji f'ħafna bliet***; billi l-oqfsa u r-regolamenti tal-ippjanar jiżvolġu wkoll rwol vitali fis-salvagwardja tal-istandards ambjentali u fl-iżgurar li l-kostruzzjoni tal-akkomodazzjoni tkun ta' kwalità għolja u tissodisfa l-objettivi*** |

***soċjali u ta' sikurezza***;

***[9] OECD, Brick by Brick: Building Better Housing Policies, Pubblikazzjonijiet tal-OECD, Pariġi, 2021.***

Or. en

**Emenda 218**
**Borja Giménez Larraz, Dirk Gotink, Nikolina Brnjac, Jagna Marczułajtis-Walczak, Daniel Buda, Niels Geuking, David Casa, Markus Ferber, Sebastião Bugalho, Maravillas Abadía Jover, Regina Doherty, Isabelle Le Callennec, Alma Ezcurra Almansa, Rosa Estaràs Ferragut, Elena Nevado del Campo**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. billi huwa kruċjali li l-proċessi ta' ġestjoni u ta' trasformazzjoni tal-art jitħaffu biex tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-art għall-kostruzzjoni finali; billi l-kumplessità u t-tul attwali tal-proċeduri tal-ippjanar urban, li spiss jieħdu aktar minn għaxar snin, ifixklu l-iżvilupp ta' offerta ġdida tal-akkomodazzjoni; billi, skont l-OECD, dawn id-diskrepanzi fl-offerta u fid-domanda jirriżultaw minn restrizzjonijiet ġeografiċi u restrizzjonijiet regolatorji f'ħafna bliet, inklużi dawk relatati mad-dispożizzjonijiet dwar l-użu tal-art u t-tqassim f'żoni[9]; | E. billi huwa kruċjali li l-proċessi ta' ġestjoni u ta' trasformazzjoni tal-art jitħaffu biex tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-art għall-kostruzzjoni finali; billi l-kumplessità u t-tul attwali tal-proċeduri tal-ippjanar urban, li spiss jieħdu aktar minn għaxar snin, ifixklu l-iżvilupp ta' offerta ġdida tal-akkomodazzjoni; billi, skont l-OECD, dawn id-diskrepanzi fl-offerta u fid-domanda jirriżultaw minn restrizzjonijiet ġeografiċi u restrizzjonijiet regolatorji f'ħafna bliet, inklużi dawk relatati mad-dispożizzjonijiet dwar l-użu tal-art u t-tqassim f'żoni[9]; ***billi l-inugwaljanzi attwali u n-nuqqas ta' bini tal-kapaċitajiet fl-amministrazzjonijiet pubbliċi jwasslu għal dewmien bla bżonn, jillimitaw l-offerta tal-akkomodazzjoni u jżidu l-kostijiet, b'mod partikolari f'reġjuni fejn id-domanda tal-akkomodazzjoni hija aktar kritika;*** |

[9] OECD, Brick by Brick: Building Better Housing Policies, Pubblikazzjonijiet tal-OECD, Pariġi, 2021.

[9] OECD, Brick by Brick: Building Better Housing Policies, Pubblikazzjonijiet tal-OECD, Pariġi, 2021.

Or. en

**Emenda 219**
**Julie Rechagneux, Marie-Luce Brasier-Clain, Aleksandar Nikolic, Rachel Blom**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. billi huwa kruċjali li l-proċessi ta' ġestjoni u ta' trasformazzjoni tal-art jitħaffu biex tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-art għall-kostruzzjoni finali; billi l-kumplessità u t-tul attwali tal-proċeduri tal-ippjanar urban, li spiss jieħdu aktar minn għaxar snin, ifixklu l-iżvilupp ta' offerta ġdida tal-akkomodazzjoni; billi, skont l-OECD, dawn id-diskrepanzi fl-offerta u fid-domanda jirriżultaw minn restrizzjonijiet ġeografiċi u restrizzjonijiet regolatorji f'ħafna bliet, inklużi dawk relatati mad-dispożizzjonijiet dwar l-użu tal-art u t-tqassim f'żoni[9] ; | E. billi huwa kruċjali li l-proċessi ta' ġestjoni u ta' trasformazzjoni tal-art jitħaffu biex tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-art għall-kostruzzjoni finali***, li jikkonferma l-ħtieġa li jerġa' jiġi rivedut l-objettiv ta' artifiċjalizzazzjoni netta żero sal-2050 mill-istrateġija Ewropea dwar il-ħamrija***; billi l-kumplessità u t-tul attwali tal-proċeduri tal-ippjanar urban, ***li ħafna drabi jirriżultaw minn regolamenti Ewropej mhux proporzjonati,*** li spiss jieħdu aktar minn għaxar snin, ifixklu l-iżvilupp ta' offerta ġdida tal-akkomodazzjoni; billi, skont l-OECD, dawn id-diskrepanzi fl-offerta u fid-domanda jirriżultaw minn restrizzjonijiet ġeografiċi u restrizzjonijiet regolatorji f'ħafna bliet, inklużi dawk relatati mad-dispożizzjonijiet dwar l-użu tal-art u t-tqassim f'żoni[9] ; |
| [9] OCDE, Pierre par pierre: Building Better Housing Policies, Pubblikazzjonijiet tal-OECD, Pariġi, 2021. | [9] OCDE, Pierre par pierre: Building Better Housing Policies, Pubblikazzjonijiet tal-OECD, Pariġi, 2021. |

Or. fr

**Emenda 220**
**Julie Rechagneux, Marie Dauchy, Anne-Sophie Frigout, France Jamet, Mathilde Androuët, Catherine Griset, Marie-Luce Brasier-Clain, Aleksandar Nikolic, Mélanie Disdier, Klara Dostalova, Rachel Blom**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. billi huwa kruċjali li l-proċessi ta' ġestjoni u ta' trasformazzjoni tal-art jitħaffu biex tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-art għall-kostruzzjoni finali; billi l-kumplessità u t-tul attwali tal-proċeduri tal-ippjanar urban, li spiss jieħdu aktar minn għaxar snin, ifixklu l-iżvilupp ta' offerta ġdida tal-akkomodazzjoni; billi, skont l-OECD, dawn id-diskrepanzi fl-offerta u fid-domanda jirriżultaw minn restrizzjonijiet ġeografiċi u restrizzjonijiet regolatorji f'ħafna bliet, inklużi dawk relatati mad-dispożizzjonijiet dwar l-użu tal-art u t-tqassim f'żoni[9]; | E. billi huwa kruċjali li l-proċessi ta' ġestjoni u ta' trasformazzjoni tal-art jitħaffu biex tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-art għall-kostruzzjoni finali***, filwaqt li tiġi kkonfermata l-ħtieġa li jiġi kkunsidrat mill-ġdid l-objettiv tal-ilħuq tat-teħid nett żero ta' art sal-2050 kif promoss mill-istrateġija Ewropea għall-ħarsien tal-ħamrija***; billi l-kumplessità u t-tul attwali tal-proċeduri tal-ippjanar urban***, li jirriżultaw b'mod frekwenti minn regolamenti Ewropej sproporzjonati***, li spiss jieħdu aktar minn għaxar snin, ifixklu l-iżvilupp ta' offerta ġdida tal-akkomodazzjoni; billi, skont l-OECD, dawn id-diskrepanzi fl-offerta u fid-domanda jirriżultaw minn restrizzjonijiet ġeografiċi u restrizzjonijiet regolatorji f'ħafna bliet, inklużi dawk relatati mad-dispożizzjonijiet dwar l-użu tal-art u t-tqassim f'żoni[9]; |
| [9] OECD, Brick by Brick: Building Better Housing Policies, Pubblikazzjonijiet tal-OECD, Pariġi, 2021. | [9] OECD, Brick by Brick: Building Better Housing Policies, Pubblikazzjonijiet tal-OECD, Pariġi, 2021. |

Or. en

**Emenda 221**
**Georgiana Teodorescu, Antonella Sberna, Lara Magoni, Alessandro Ciriani, Nora Junco García**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. billi huwa kruċjali li l-proċessi ta' ġestjoni u ta' trasformazzjoni tal-art jitħaffu biex tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-art għall-kostruzzjoni finali; billi l-kumplessità u t-tul attwali tal-proċeduri tal-ippjanar urban, li spiss jieħdu aktar minn | E. billi huwa kruċjali li l-proċessi ta' ġestjoni u ta' trasformazzjoni tal-art jitħaffu biex tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-art għall-kostruzzjoni finali; billi l-kumplessità u t-tul attwali tal-proċeduri tal-ippjanar urban, li spiss jieħdu aktar minn |

| | |
|---|---|
| għaxar snin, ifixklu l-iżvilupp ta' offerta ġdida tal-akkomodazzjoni; billi, skont l-OECD, dawn id-diskrepanzi fl-offerta u fid-domanda jirriżultaw minn restrizzjonijiet ġeografiċi u restrizzjonijiet regolatorji f'ħafna bliet, inklużi dawk relatati mad-dispożizzjonijiet dwar l-użu tal-art u t-tqassim f'żoni[9]; | għaxar snin, ifixklu l-iżvilupp ta' offerta ġdida tal-akkomodazzjoni; billi, skont l-OECD, dawn id-diskrepanzi fl-offerta u fid-domanda jirriżultaw minn restrizzjonijiet ġeografiċi u restrizzjonijiet regolatorji f'ħafna bliet, inklużi dawk relatati mad-dispożizzjonijiet dwar l-użu tal-art u t-tqassim f'żoni[9]; ***billi huwa meħtieġ li l-istrumenti u l-istrutturi tal-ippjanar jiġu adattati għall-evoluzzjoni tal-insedjamenti u tan-networks tat-trasport, filwaqt li tiġi rinfurzata l-koerenza bejn l-iżvilupp urban u l-ippjanar tal-użu tal-art;*** |
| [9] OECD, Brick by Brick: Building Better Housing Policies, Pubblikazzjonijiet tal-OECD, Pariġi, 2021. | [9] OECD, Brick by Brick: Building Better Housing Policies, Pubblikazzjonijiet tal-OECD, Pariġi, 2021. |

Or. en

**Emenda 222**
**Klara Dostalova, Julie Rechagneux, Ondřej Knotek, Jorge Buxadé Villalba, Jaroslav Bžoch, Rachel Blom, Tomáš Kubín**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. billi huwa kruċjali li l-proċessi ta' ġestjoni u ta' trasformazzjoni tal-art jitħaffu biex tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-art għall-kostruzzjoni finali; billi l-kumplessità u t-tul attwali tal-proċeduri tal-ippjanar urban, li spiss jieħdu aktar minn għaxar snin, ifixklu l-iżvilupp ta' offerta ġdida tal-akkomodazzjoni; billi, skont l-OECD, dawn id-diskrepanzi fl-offerta u fid-domanda jirriżultaw minn restrizzjonijiet ġeografiċi u restrizzjonijiet regolatorji f'ħafna bliet, inklużi dawk relatati mad-dispożizzjonijiet dwar l-użu tal-art u t-tqassim f'żoni[9]; | E. billi huwa kruċjali li l-proċessi ta' ġestjoni u ta' trasformazzjoni tal-art jitħaffu biex tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-art għall-kostruzzjoni finali; billi l-kumplessità u t-tul attwali tal-proċeduri tal-ippjanar urban, li spiss jieħdu aktar minn għaxar snin, ifixklu l-iżvilupp ta' offerta ġdida tal-akkomodazzjoni; billi, skont l-OECD, dawn id-diskrepanzi fl-offerta u fid-domanda jirriżultaw minn restrizzjonijiet ġeografiċi u restrizzjonijiet regolatorji f'ħafna bliet, inklużi dawk relatati mad-dispożizzjonijiet dwar l-użu tal-art u t-tqassim f'żoni[9]; ***jissottolinja li filwaqt li r-restrizzjonijiet ġeografiċi ma jistgħux jiġu eliminati, il-burokrazija*** |

| | |
|---|---|
| | ***eċċessiva u r-regolamenti żejda jistgħu u jridu jitnaqqsu biex jiġi aċċelerat l-iżvilupp tal-akkomodazzjoni;*** |
| [9] OECD, Brick by Brick: Building Better Housing Policies, Pubblikazzjonijiet tal-OECD, Pariġi, 2021. | [9] OECD, Brick by Brick: Building Better Housing Policies, Pubblikazzjonijiet tal-OECD, Pariġi, 2021. |

Or. en

**Emenda 223**
**Borja Giménez Larraz, Dirk Gotink, Nikolina Brnjac, Jagna Marczułajtis-Walczak, Daniel Buda, Niels Geuking, Markus Ferber, Sebastião Bugalho, Maravillas Abadía Jover, Inese Vaidere, Regina Doherty, Isabelle Le Callennec, Alma Ezcurra Almansa, Rosa Estaràs Ferragut**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. billi huwa kruċjali li l-proċessi ta' ġestjoni u ta' trasformazzjoni tal-art jitħaffu biex tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-art għall-kostruzzjoni finali; billi l-kumplessità u t-tul attwali tal-proċeduri tal-ippjanar urban, li spiss jieħdu aktar minn għaxar snin, ifixklu l-iżvilupp ta' offerta ġdida tal-akkomodazzjoni; billi, skont l-OECD, dawn id-diskrepanzi fl-offerta u fid-domanda jirriżultaw minn restrizzjonijiet ġeografiċi u restrizzjonijiet regolatorji f'ħafna bliet, inklużi dawk relatati mad-dispożizzjonijiet dwar l-użu tal-art u t-tqassim f'żoni[9]; | E. billi huwa kruċjali li l-proċessi ta' ġestjoni u ta' trasformazzjoni tal-art jitħaffu biex tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-art għall-kostruzzjoni finali; billi l-kumplessità u t-tul attwali tal-proċeduri tal-ippjanar urban, li spiss jieħdu aktar minn għaxar snin, ifixklu l-iżvilupp ta' offerta ġdida tal-akkomodazzjoni; billi, skont l-OECD, dawn id-diskrepanzi fl-offerta u fid-domanda jirriżultaw minn restrizzjonijiet ġeografiċi u restrizzjonijiet regolatorji f'ħafna bliet, inklużi dawk relatati mad-dispożizzjonijiet dwar l-użu tal-art u t-tqassim f'żoni[9]; ***billi s-simplifikazzjoni tal-proċeduri hija kruċjali biex tittejjeb il-kompetittività tas-settur u jiġi żgurat il-forniment ta' akkomodazzjoni affordabbli;*** |
| [9] OECD, Brick by Brick: Building Better Housing Policies, Pubblikazzjonijiet tal-OECD, Pariġi, 2021. | [9] OECD, Brick by Brick: Building Better Housing Policies, Pubblikazzjonijiet tal-OECD, Pariġi, 2021. |

Or. en

**Emenda 224**
**Borja Giménez Larraz, Dirk Gotink, Nikolina Brnjac, Jagna Marczułajtis-Walczak, Daniel Buda, Niels Geuking, Markus Ferber, Sebastião Bugalho, Maravillas Abadía Jover, Inese Vaidere, Regina Doherty, Isabelle Le Callennec, Alma Ezcurra Almansa, Rosa Estaràs Ferragut**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. billi huwa kruċjali li l-proċessi ta' ġestjoni u ta' trasformazzjoni tal-art jitħaffu biex tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-art għall-kostruzzjoni finali; billi l-kumplessità u t-tul attwali tal-proċeduri tal-ippjanar urban, li spiss jieħdu aktar minn għaxar snin, ifixklu l-iżvilupp ta' offerta ġdida tal-akkomodazzjoni; billi, skont l-OECD, dawn id-diskrepanzi fl-offerta u fid-domanda jirriżultaw minn restrizzjonijiet ġeografiċi u restrizzjonijiet regolatorji f'ħafna bliet, inklużi dawk relatati mad-dispożizzjonijiet dwar l-użu tal-art u t-tqassim f'żoni[9]; | E. billi huwa kruċjali li l-proċessi ta' ġestjoni u ta' trasformazzjoni tal-art jitħaffu biex tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-art għall-kostruzzjoni finali***; billi n-nuqqas ta' art lesta għall-iżvilupp jikkostitwixxi wieħed mill-ostakli ewlenin fil-kostruzzjoni tal-akkomodazzjoni, inkluż il-forniment ta' akkomodazzjoni affordabbli***; billi l-kumplessità u t-tul attwali tal-proċeduri tal-ippjanar urban, li spiss jieħdu aktar minn għaxar snin, ifixklu l-iżvilupp ta' offerta ġdida tal-akkomodazzjoni; billi, skont l-OECD, dawn id-diskrepanzi fl-offerta u fid-domanda jirriżultaw minn restrizzjonijiet ġeografiċi u restrizzjonijiet regolatorji f'ħafna bliet, inklużi dawk relatati mad-dispożizzjonijiet dwar l-użu tal-art u t-tqassim f'żoni[9]; |
| [9] OECD, Brick by Brick: Building Better Housing Policies, Pubblikazzjonijiet tal-OECD, Pariġi, 2021. | [9] OECD, Brick by Brick: Building Better Housing Policies, Pubblikazzjonijiet tal-OECD, Pariġi, 2021. |

Or. en

**Emenda 225**
**Ciaran Mullooly**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. billi huwa kruċjali li l-proċessi ta' ġestjoni u ta' trasformazzjoni tal-art jitħaffu biex tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-art għall-kostruzzjoni finali; billi l-kumplessità u t-tul attwali tal-proċeduri tal-ippjanar urban, li spiss jieħdu aktar minn għaxar snin, ifixklu l-iżvilupp ta' offerta ġdida tal-akkomodazzjoni; billi, skont l-OECD, dawn id-diskrepanzi fl-offerta u fid-domanda jirriżultaw minn restrizzjonijiet ġeografiċi u restrizzjonijiet regolatorji f'ħafna bliet, inklużi dawk relatati mad-dispożizzjonijiet dwar l-użu tal-art u t-tqassim f'żoni[9]; | E. billi huwa kruċjali li l-proċessi ta' ġestjoni u ta' trasformazzjoni tal-art jitħaffu biex tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-art għall-kostruzzjoni finali; billi l-kumplessità u t-tul attwali tal-proċeduri tal-ippjanar urban, li spiss jieħdu aktar minn għaxar snin, ifixklu l-iżvilupp ta' offerta ġdida tal-akkomodazzjoni; billi, skont l-OECD, dawn id-diskrepanzi fl-offerta u fid-domanda jirriżultaw minn restrizzjonijiet ġeografiċi u restrizzjonijiet regolatorji f'ħafna bliet, inklużi dawk relatati mad-dispożizzjonijiet dwar l-użu tal-art u t-tqassim f'żoni[9]; ***billi l-istabbiliment ta' laqgħat ta' qabel l-ippjanar għall-applikanti tal-ippjanar, bl-eżiti ppubblikati, jista' jtejjeb it-trasparenza u jħaffef l-iżviluppi;*** |
| [9] OECD, Brick by Brick: Building Better Housing Policies, Pubblikazzjonijiet tal-OECD, Pariġi, 2021. | [9] OECD, Brick by Brick: Building Better Housing Policies, Pubblikazzjonijiet tal-OECD, Pariġi, 2021. |

Or. en

**Emenda 226**
**Borja Giménez Larraz, Dirk Gotink, Nikolina Brnjac, Jagna Marczułajtis-Walczak, Daniel Buda, Niels Geuking, Markus Ferber, Sebastião Bugalho, Maravillas Abadía Jover, Regina Doherty, Isabelle Le Callennec, Alma Ezcurra Almansa, Marco Falcone, Rosa Estaràs Ferragut**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. billi huwa kruċjali li l-proċessi ta' ġestjoni u ta' trasformazzjoni tal-art jitħaffu biex tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-art għall-kostruzzjoni finali; billi l-kumplessità u t-tul attwali tal-proċeduri tal-ippjanar urban, li spiss jieħdu aktar minn għaxar snin, ifixklu l-iżvilupp ta' offerta ġdida tal-akkomodazzjoni; billi, skont l- | E. billi huwa kruċjali li l-proċessi ta' ġestjoni u ta' trasformazzjoni tal-art jitħaffu biex tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-art għall-kostruzzjoni finali; billi l-kumplessità u t-tul attwali tal-proċeduri tal-ippjanar urban, li spiss jieħdu aktar minn għaxar snin, ifixklu l-iżvilupp ta' offerta ġdida tal-akkomodazzjoni; billi, skont l- |

OECD, dawn id-diskrepanzi fl-offerta u fid-domanda jirriżultaw minn restrizzjonijiet ġeografiċi u restrizzjonijiet regolatorji f'ħafna bliet, inklużi dawk relatati mad-dispożizzjonijiet dwar l-użu tal-art u t-tqassim f'żoni[9];

[9] OECD, Brick by Brick: Building Better Housing Policies, Pubblikazzjonijiet tal-OECD, Pariġi, 2021.

OECD, dawn id-diskrepanzi fl-offerta u fid-domanda jirriżultaw minn restrizzjonijiet ġeografiċi u restrizzjonijiet regolatorji f'ħafna bliet, inklużi dawk relatati mad-dispożizzjonijiet dwar l-użu tal-art u t-tqassim f'żoni[9]; ***billi sistema tal-għoti ta' permessi simplifikata u effiċjenti tista' ttaffi b'mod sostanzjali l-kriżi tal-akkomodazzjoni;***

[9] OECD, Brick by Brick: Building Better Housing Policies, Pubblikazzjonijiet tal-OECD, Pariġi, 2021.

Or. en

**Emenda 227**
**Martin Hojsík, Brigitte van den Berg**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. billi ***huwa kruċjali li*** l-proċessi ta' ġestjoni ***u ta' trasformazzjoni*** tal-art ***jitħaffu*** biex tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-art għall-kostruzzjoni finali; billi l-kumplessità u t-tul attwali tal-proċeduri tal-ippjanar urban, li ***spiss*** jieħdu aktar minn għaxar snin, ifixklu l-iżvilupp ta' offerta ġdida tal-akkomodazzjoni; billi, skont l-OECD, dawn id-diskrepanzi fl-offerta u fid-domanda jirriżultaw minn restrizzjonijiet ġeografiċi u restrizzjonijiet regolatorji f'ħafna bliet, inklużi dawk relatati mad-dispożizzjonijiet dwar l-użu tal-art u t-tqassim f'żoni[9]; | E. billi ***l-iżgurar tal-użu effettiv tal-art, inkluż l-ippjanar għall-żvilupp ta' densità intelliġenti, u*** l-proċessi ta' ġestjoni ***effettiva*** tal-art ***jistgħu jkunu kruċjali*** biex tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-art għall-kostruzzjoni finali; billi l-kumplessità u t-tul attwali tal-proċeduri tal-ippjanar urban, li ***jistgħu*** jieħdu aktar minn għaxar snin, ifixklu l-iżvilupp ta' offerta ġdida tal-akkomodazzjoni; billi, skont l-OECD, dawn id-diskrepanzi fl-offerta u fid-domanda jirriżultaw minn restrizzjonijiet ġeografiċi u restrizzjonijiet regolatorji f'ħafna bliet, inklużi dawk relatati mad-dispożizzjonijiet dwar l-użu tal-art u t-tqassim f'żoni[9]; |
| [9] OECD, Brick by Brick: Building Better Housing Policies, Pubblikazzjonijiet tal-OECD, Pariġi, 2021. | [9] OECD, Brick by Brick: Building Better Housing Policies, Pubblikazzjonijiet tal-OECD, Pariġi, 2021. |

Or. en

**Emenda 228**
**Inese Vaidere**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa E**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| E. billi huwa kruċjali li l-proċessi ta' ġestjoni u ta' trasformazzjoni tal-art jitħaffu biex tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-art għall-kostruzzjoni finali; billi l-kumplessità u t-tul attwali tal-proċeduri tal-ippjanar urban, li spiss jieħdu aktar minn għaxar snin, ifixklu l-iżvilupp ta' offerta ġdida tal-akkomodazzjoni; billi, skont l-OECD, dawn id-diskrepanzi fl-offerta u fid-domanda jirriżultaw minn restrizzjonijiet ġeografiċi u restrizzjonijiet regolatorji f'ħafna bliet, inklużi dawk relatati mad-dispożizzjonijiet dwar l-użu tal-art u t-tqassim f'żoni[9]; | E. billi huwa kruċjali li l-proċessi ta' ġestjoni u ta' trasformazzjoni tal-art***, inkluż l-iżvilupp mill-ġdid ta' siti abbandunati,*** jitħaffu biex tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-art għall-kostruzzjoni finali; billi l-kumplessità u t-tul attwali tal-proċeduri tal-ippjanar urban, li spiss jieħdu aktar minn għaxar snin, ifixklu l-iżvilupp ta' offerta ġdida tal-akkomodazzjoni; billi, skont l-OECD, dawn id-diskrepanzi fl-offerta u fid-domanda jirriżultaw minn restrizzjonijiet ġeografiċi u restrizzjonijiet regolatorji f'ħafna bliet, inklużi dawk relatati mad-dispożizzjonijiet dwar l-użu tal-art u t-tqassim f'żoni[9]; |
| [9] OECD, Brick by Brick: Building Better Housing Policies, Pubblikazzjonijiet tal-OECD, Pariġi, 2021. | [9] OECD, Brick by Brick: Building Better Housing Policies, Pubblikazzjonijiet tal-OECD, Pariġi, 2021. |

Or. en

**Emenda 229**
**Maria Ohisalo, Vicent Marzà Ibáñez, Marie Toussaint, Gordan Bosanac**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ea (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ea. billi skont l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA), bejn l-2012 u l-2018, it-teħid nett tal-art fl-UE kien ta' 450 km² fis-sena, u seħħ primarjament fi bliet u żoni għall-ivvjaġġar lejn ix-xogħol*** |

***u lura; billi t-teħid tal-art jinvolvi l-konverżjoni tal-art għal użuħ artifiċjali, li jfixkel il-funzjonijiet ekoloġiċi siewja tal-artijiet, u jwassal għal ekosistemi anqas reżiljenti, tnaqqis fil-potenzjal għall-ħżin tad-diossidu tal-karbonju u ż-żamma tal-bijodiversità, żieda fl-ilma tax-xeba' waqt għargħar u żieda fl-effetti ta' mewġ tas-sħana fil-bliet; billi t-teħid tal-art jirriżulta wkoll fi tnaqqis fil-kwalità tal-ħajja għall-individwi u għall-unitajiet domestiċi permezz tal-funzjonijiet ekoloġiċi tal-art mnaqqsa kif ukoll permezz tat-telf dirett ta' żoni naturali għall-attivitajiet ta' mistrieħ, riġenerazzjoni u fuq barra;***

Or. en

**Emenda 230**
**Georgiana Teodorescu, Antonella Sberna, Alessandro Ciriani, Lara Magoni, Nora Junco García**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ea (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ea. billi l-akkomodazzjoni rurali hija msawra minn sfidi wiesgħa u interkonnessi bħal bidliet demografiċi, ostakli finanzjarji, inugwaljanzi spazjali, tibdil ekonomiku rapidu u l-ħtieġa ta' tranżizzjoni tal-enerġija u trasformazzjoni industrijali; billi ż-żoni rurali jiffaċċjaw prezzijiet tal-akkomodazzjonijiet dejjem ogħla minħabba effetti konsegwenzjali urbani u d-domanda tat-turiżmu; billi l-unitajiet domestiċi rurali jonfqu sehem ogħla mill-introjtu tagħhom fuq l-enerġija meta mqabbla mal-kontropartijiet urbani, minħabba binjiet akbar u anqas kumpatti li huma tipikament anqas effiċjenti biex jissaħħnu;*** |

Or. en

**Emenda 231**
**Aodhán Ó Ríordáin, Andreas Schieder, Gabriele Bischoff, Alicia Homs Ginel, Marit Maij, Nora Mebarek, Isilda Gomes, Joanna Scheuring-Wielgus, Yannis Maniatis, Marko Vešligaj**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ea (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ea. billi t-teħid nett tal-art fiż-żoni urbani funzjonali Ewropej ammonta għal madwar 450 km² fis-sena bejn l-2012 u l-2018, kif imkejjel mill-metodi tal-monitoraġġ ibbażati fuq CORINE[1a];*** |
| | ***[1a] Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA), "Net land take in cities and commuting zones in Europe" (It-teħid nett tal-art fil-bliet u ż-żoni tal-ivjaġġar lejn ix-xogħol u lura fl-Ewropa), is-sit web tal-EEA, Marzu 2023*** |

Or. en

**Emenda 232**
**Maria Ohisalo, Vicent Marzà Ibáñez, Marie Toussaint, Gordan Bosanac**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Eb (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Eb. billi l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea stabbiliet li, f'żoni affettwati minn nuqqas ta' akkomodazzjoni residenzjali għall-kiri, l-istabbiliment ta' mekkaniżmi biex jiġu rregolati l-kirjiet għal żmien qasir, li l-objettivi tagħhom huma li jiżguraw provvista suffiċjenti ta' unitajiet ta' akkomodazzjoni residenzjali, akkomodazzjoni soċjalment varjata u ż-żamma tal-prezzijiet tal-kiri f'livell*** |

***affordabbli, minħabba li l-akkomodazzjoni hija neċessità bażika u dritt fundamentali, jikkostitwixxi raġuni prevalenti relatata mal-interess pubbliku għall-iskopijiet tad-dritt tal-Unjoni;***

Or. en

**Emenda 233**
**Aodhán Ó Ríordáin, Andreas Schieder, Gabriele Bischoff, Alicia Homs Ginel, Marit Maij, Nora Mebarek, Isilda Gomes, Joanna Scheuring-Wielgus, Yannis Maniatis, Marko Vešligaj**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Eb (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Eb. billi l-investituri tal-proprjetà u l-fondi ta' investiment qed jakkwistaw dejjem aktar art agrikola fl-Ewropa, u qed jgħollu l-prezzijiet tal-art[1a]; billi l-ispekulazzjoni dwar l-użu tal-art timmina mhux biss l-iżvilupp ta' provvista tal-akkomodazzjoni soċjali u affordabbli iżda tagħmilha wkoll aktar diffiċli għall-bdiewa, b'mod partikolari l-bdiewa żgħażagħ, li jaċċessaw l-art;*** |

***[1a] Multidisciplinary Digital Publishing Institute, "Agricultural Land Price Dynamics in Europe: Convergence, Divergence, and Policy Impacts Across EU Member States" (Id-Dinamika tal-Prezzijiet tal-Art Agrikola fl-Ewropa: L-Impatti tal-Konverġenza, id-Diverġenza u l-Politika Madwar l-Istati Membri tal-UE), is-Sit Web tal-MDPI, Diċembru 2024***

Or. en

**Emenda 234**

**Aodhán Ó Ríordáin, Andreas Schieder, Gabriele Bischoff, Alicia Homs Ginel, Marit Maij, Nora Mebarek, Isilda Gomes, Joanna Scheuring-Wielgus, Yannis Maniatis, Marko Vešligaj**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ec (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ec. billi skont ir-rapport tal-EEA tal-2023 dwar it-teħid nett tal-art fl-Ewropa, l-Istati Membri kollha kkonvertew aktar art għall-użu urban milli nnaturalizzaw mill-ġdid bejn l-2012 u l-2018; billi l-biċċa l-kbira tal-użu tal-art seħħ f'żoni urbani funzjonali, bl-akbar sehem ta' din l-art ġej minn raba' li jinħadem (1,415 km², jew 47 %) u mergħat (945 km², jew 36 %);*** |

Or. en

**Emenda 235**
**Aodhán Ó Ríordáin, Andreas Schieder, Gabriele Bischoff, Alicia Homs Ginel, Marit Maij, Nora Mebarek, Isilda Gomes, Joanna Scheuring-Wielgus, Yannis Maniatis, Marko Vešligaj**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ed (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ed. billi d-data tal-Eurostat[1a] tindika li bejn l-2018 u l-2022, l-art ikklassifikata bħala "servizzi u skopijiet residenzjali oħra" żdiedet b'madwar 4 900 km² fl-Unjoni, ekwivalenti għal madwar 1 225 km² fis-sena;*** |
| | ***[1a] Eurostat, "Land use statistics" (Statistika dwar l-użu tal-art), is-sit web tal-Eurostat, Ġunju 2025.*** |

Or. en

**Emenda 236**
**Aodhán Ó Ríordáin, Andreas Schieder, Gabriele Bischoff, Alicia Homs Ginel, Marit Maij, Nora Mebarek, Isilda Gomes, Joanna Scheuring-Wielgus, Yannis Maniatis, Marko Vešligaj**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ee (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ee. billi rapport reċenti[1a] jistma li l-Ewropa tilfet madwar 1 500 km² ta' art naturali u agrikola fis-sena bejn l-2018 u l-2023, u li madwar 40 % ta' dan it-teħid tal-art kien attribwibbli għall-kostruzzjoni ta' żoni residenzjali u kkorrisponda għal madwar 600 km² fis-sena ta' konsum tal-art marbut direttament mal-akkomodazzjoni;*** |
| | ***[1a] Arena for Journalism in Europe, "Green to Grey – How Europe is squandering the little nature it has left" (Minn Aħdar għal Griż – Kif l-Ewropa qed taħli l-ftit natura li baqalha), is-sit web ta' Arena for Journalism in Europe, Ottubru 2025*** |

Or. en

**Emenda 237**
**Aodhán Ó Ríordáin, Andreas Schieder, Gabriele Bischoff, Alicia Homs Ginel, Marit Maij, Nora Mebarek, Isilda Gomes, Joanna Scheuring-Wielgus, Yannis Maniatis, Marko Vešligaj**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa Ef (ġdida)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Ef. billi n-nuqqas ta' aċċess għal servizzi pubbliċi ewlenin u infrastruttura essenzjali qed jimmina dejjem aktar id-disponibbiltà ta' djar ġodda, peress li l-proġetti tal-akkomodazzjoni ma jistgħux jiġu żviluppati f'żoni affettwati minn*** |

***nuqqas ta' investiment kroniku f'xogħlijiet pubbliċi; billi ż-żieda fil-provvista tal-akkomodazzjoni affordabbli u soċjali tirrikjedi investiment pubbliku sostanzjali fl-infrastruttura essenzjali, b'mod partikolari s-sistemi tal-ilma u n-networks tat-trasport u tal-komunikazzjoni, biex jiġu żgurati kundizzjonijiet tal-għajxien sostenibbli u inklużivi; billi l-ippjanar tal-akkomodazzjoni u tal-infrastruttura jrid jiġi kkoordinat biex jiggarantixxi li l-komunitajiet ikollhom aċċess għal servizzi pubbliċi ta' kwalità; billi l-politiki tal-akkomodazzjoni għandhom jiġu allinjati mal-Istrateġija Ewropea għar-Reżiljenza tal-Ilma u mal-objettivi usa' tal-infrastruttura tal-UE, filwaqt li jirrikonoxxu li l-aċċess sigur għall-ilma, il-mobbiltà u l-komunikazzjoni huwa prerekwiżit għal komunitajiet b'saħħithom u biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-akkomodazzjoni futuri; billi d-dritt tal-bniedem għall-ilma u s-sanità ġie rrikonoxxut bħala dritt tal-bniedem mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fit-28 ta' Lulju 2010;***

Or. en

**Emenda 238**
**Maria Ohisalo, Vicent Marzà Ibáñez, Marie Toussaint, Gordan Bosanac**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa F**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| F. billi 10,6 % taċ-ċittadini tal-UE rrapportaw li ma setgħux isaħħnu djarhom b'mod adegwat fl-2023[10]; billi l-leġiżlazzjoni ewlenija tal-UE għandha influwenza f'dan il-qasam***, u huma meħtieġa soluzzjonijiet realistiċi***; | F. billi 10,6 % taċ-ċittadini tal-UE rrapportaw li ma setgħux isaħħnu djarhom b'mod adegwat fl-2023[10]***; billi bħalissa 75 % tal-istokk ta' akkomodazzjoni tal-UE huwa ineffiċjenti fl-enerġija, bl-unitajiet domestiċi l-aktar vulnerabbli jgħixu f'akkomodazzjonijiet bl-agħar rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija u jbatu minn kundizzjonijiet ta' għajxien mhux*** |

| | |
|---|---|
| | ***adegwati, u b'hekk jagħmu ħsara konsiderevoli għall-kundizzjonijiet tas-saħħa tagħhom; billi 75 % tas-sistemi tat-tisħin u tat-tkessiħ fl-UE huma fornuti b'sorsi tal-fjuwils fossili, li jniġġsu l-arja u jimminaw l-għanijiet klimatiċi, filwaqt li jsaħħu d-dipendenza fuq il-forniturі barranin, jheddu s-sigurtà tal-enerġija u jirriżultaw fi prezzijiet volatili; billi binjiet ta' kwalità tajba, effiċjenti fl-enerġija u mħaddma bl-enerġija rinnovabbli, joffru benefiċċji individwali u soċjetali multipli, bħal kontijiet tal-enerġija aktar baxxi, kundizzjonijiet tas-saħħa u benessri mtejba, u progress lejn il-miri klimatiċi u tal-enerġija; billi tali binjiet jimmassimizzaw il-benefiċċji soċjetali u jimminimizzaw il-kostijiet fuq terminu twil, għall-kuntrarju ta' binjiet b'rendiment baxx fl-użu tal-enerġija u ta' kwalità baxxa li jġibu magħhom spejjeż operazzjonali għoljin u kontijiet tal-enerġija li jkunu ta' piż***; billi l-leġiżlazzjoni ewlenija tal-UE għandha influwenza f'dan il-qasam; |
| [10] Eurostat, "SDG 7 – Enerġija affordabbli u nadifa", is-sit web tal-Eurostat, April 2025. | [10] Eurostat, "SDG 7 – Enerġija affordabbli u nadifa", is-sit web tal-Eurostat, April 2025. |

Or. en

**Emenda 239**
**Julie Rechagneux, Marie-Luce Brasier-Clain, Aleksandar Nikolic, Rachel Blom**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa F**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| F. billi 10,6 % taċ-ċittadini tal-UE rrapportaw li ma setgħux isaħħnu djarhom b'mod adegwat fl-2023[10] ; billi l-leġiżlazzjoni ewlenija tal-UE għandha influwenza f'dan il-qasam, u huma meħtieġa soluzzjonijiet realistiċi; | F. billi 10,6 % taċ-ċittadini tal-UE rrapportaw li ma setgħux isaħħnu djarhom b'mod adegwat fl-2023[10]***, minħabba l-politika Ewropea dwar l-enerġija***; ***billi l-inflazzjoni tal-kostijiet tal-enerġija li jġarrbu l-unitajiet domestiċi ġiet*** |

***amplifikata mill-qafas tas-suq u l-mekkaniżmi tal-ipprezzar tal-enerġija stabbiliti fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari s-sistema tal-ipprezzar marġinali għall-elettriku;*** billi l-leġiżlazzjoni ewlenija tal-UE għandha influwenza f'dan il-qasam, u huma meħtieġa soluzzjonijiet realistiċi***, li jirrispettaw il-prinċipju tan-newtralità teknoloġika u r-rikonoxximent ta' taħlitiet tal-enerġija differenzjati bejn l-Istati Membri***;

[10] Eurostat, "SDG 7 – Enerġija affordabbli u nadifa", is-sit web tal-Eurostat, April 2025.

[10] Eurostat, "SDG 7 – Enerġija affordabbli u nadifa", is-sit web tal-Eurostat, April 2025.

Or. fr

**Emenda 240**
**Aodhán Ó Ríordáin, Andreas Schieder, Gabriele Bischoff, Alicia Homs Ginel, Marit Maij, Nora Mebarek, Isilda Gomes, Joanna Scheuring-Wielgus, Yannis Maniatis, Marko Vešligaj, Johan Danielsson**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Premessa F**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
